# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fl-4 ta' Marzu 2021[1 i]

**Kawżi magħquda C-357/19 u C-547/19**

**Ministerul Public – Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie – Direcţia Naţională Anticorupţie,**
**PM,**
**RO,**
**SP,**
**TQ**
**vs**
**QN,**
**UR,**
**VS,**
**WT,**
**Autoritatea Naţională pentru Turism,**
**Agenţia Naţională de Administrare Fiscală,**
**SC Euro Box Promotion SRL (C-357/19)**
**u**
**CY,**
**Asociaţia 'Forumul Judecătorilor din România'**
**vs**
**Inspecţia Judiciară,**
**Consiliul Superior al Magistraturii,**
**Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie (C-547/19)**

(Talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej – Proċeduri kriminali dwar il-korruzzjoni – Proġetti parzjalment iffinanzjati minn fondi Ewropej – Deċiżjoni ta' qorti kostituzzjonali dwar il-legalità tal-kompożizzjoni ta' kulleġġi ġudikanti – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi għall-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti billi jittellgħu bix-xorti – Appell straordinarju minn sentenzi definittivi – Dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi – It-tieni paragrafu

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Proċeduri dixxiplinari kontra membri tal-ġudikatura”

Werrej

I. Introduzzjoni . . . 4
II. Il-kuntest ġuridiku . . . 5
A. Id-dritt tal-Unjoni . . . 5
B. Id-dritt Rumen . . . 6
1. Il-Kostituzzjoni Rumena . . . 6
2. Il-Liġi Nru 303/2004 . . . 7
3. Il-Liġi Nru 304/2004 . . . 7
4. Ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-QGħKĠ . 8
5. Il-Kodiċi ta’ Proċedura Kriminali . . . 9
6. Il-Kodiċi Kriminali . . . 10
III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari . . . 11
A. Il-Kawża C-357/19 . . . 11
B. Il-Kawża C-547/19 . . . 13
C. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . 15
IV. Analiżi . . . 15
A. L-ammissibbiltà tad-domandi preliminari . . . 15
1. Il-Kawża C-357/19 . . . 15
a) In-nuqqas ta’ kompetenza tal-Unjoni . . . 16
b) Ir-rilevanza tad-domandi preliminari għall-proċeduri prinċipali . . . 17
2. Il-Kawża C-547/19 . . . 19
a) In-nuqqas ta’ kompetenza tal-Unjoni . . . 19

b) Ir-rilevanza tad-domanda preliminari għall-proċeduri prinċipali . . . 20

B. Id-dritt tal-Unjoni applikabbli . . . 20

1. L-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE . . . 20

2. Id-Deċiżjoni MKV (u l-Karta) . . . 22

3. L-Artikolu 325(1) TFUE, il-Konvenzjoni PIF (u l-Karta) . . . 24

a) L-Artikolu 325(1) u l-VAT . . . 24

b) L-Artikolu 325(1) TFUE, il-Konvenzjoni PIF, u korruzzjoni li tinvolvi fondi tal-Unjoni . . . 25

c) L-Artikolu 325(1) TFUE ikopri attentati wkoll? . . . 26

d) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE huwa kundizzjonali fuq ir-riżultat tal-proċeduri? . . . 27

4. Konklużjoni provviżorja . . . 29

C. Evalwazzjoni . . . 29

1. Il-kuntest ġuridiku nazzjonali . . . 29

2. Id-dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi . . . 32

a) L-istandard tad-dritt tal-Unjoni . . . 32

b) Analiżi . . . 35

c) Konklużjoni provviżorja . . . 37

3. Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni . . . 37

1) Il-qafas tad-dritt tal-Unjoni . . . 38

2) Il-fehmiet tal-partijiet . . . 39

3) Analiżi . . . 40

i) L-eżami li għandu jiġi applikat? . . . 40

ii) Applikazzjoni għal din il-kawża . . . 43

iii) Konklużjoni provviżorja . . . 45

4. Il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja . . . 46

1) It-tħassib imqajjem mill-qorti tar-rinviju . . . 46

2) Il-qafas tad-dritt tal-Unjoni . . . 48

3) Analiżi . . . . 49

i) Kompożizzjoni u status tal-Qorti Kostituzzjonali . . . . 49

ii) Il-kompetenzi u l-prattika tal-Qorti Kostituzzjonali . . . . 51

iii) Il-prinċipju ta’ res judicata . . . . 51

iv) Caveat . . . . 52

v) Konklużjoni provviżorja . . . . 52

5. Il-prinċipju tas-supremazija . . . . 53

V. Konklużjoni . . . . 56

## I. Introduzzjoni

1. Matul l-2019, tressqu numru ta’ talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar l-indipendenza tal-ġudikatura, l-Istat tad-dritt, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn qrati diversi fir-Rumanija. L-ewwel grupp ta’ kawżi kien jikkonċerna diversi emendi għal-liġijiet nazzjonali dwar il-ġudikatura, li fil-parti l-kbira saru permezz ta’ digrieti ta’ emerġenza [2].

2. Dawn iż-żewġ kawżi magħquda huma l-kawżi “prinċipali” fit-tieni grupp ta’ kawżi [3]. It-tema prinċipali tat-tieni grupp hija pjuttost differenti mill-ewwel waħda: jistgħu sentenzi tal-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) (iktar ’il quddiem il-“Qorti Kostituzzjonali”) jiksru l-prinċipji ta’ indipendenza tal-ġudikatura u tal-Istat tad-dritt, kif ukoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea?

3. L-iffokar speċifiku ta’ dawn iż-żewġ kawżi magħquda jikkonċerna l-effetti ta’ deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li tiddikjara, essenzjalment, li xi kulleġġi tal-qorti suprema nazzjonali, l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija, iktar ’il quddiem il-“QGħKĠ”), kienu komposti b’mod mhux xieraq. Din id-deċiżjoni ppermettiet lil uħud mill-partijiet ikkonċernati jippreżentaw appelli straordinarji, li sussegwentement qajmu kwistjonijiet potenzjali mhux biss dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont l-Artikolu 325(1) TFUE, iżda wkoll l-interpretazzjoni tal-kunċett ta’ “qorti […] stabbilita minn qabel bil-liġi” stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”). Finalment, dan kollu jinsab f’ambjent istituzzjonali nazzjonali fejn in-nuqqas ta’ konformità mad-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali jikkostitwixxi ksur dixxiplinari.

[2] Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-23 ta’ Settembru 2020 fil-kawża Asociația “Forumul Judecătorilor din România” *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19 u C-355/19, EU:C:2020:746), iktar ’il quddiem il-“konklużjonijiet fil-kawża AFJR”, kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi mogħtija fl-istess jum, fil-kawża Statul Român – Ministerul Finanțelor Publice (C-397/19, EU:C:2020:747).

[3] Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi mogħtija llum b’mod parallel fil-kawża C-379/19, DNA- Serviciul Teritorial Oradea, u fil-Kawżi magħquda C-811/19 u C-840/19, FQ *et*.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

4. Skont l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni PIF"): [4]

"Għall-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni, frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tikkonsisti fir-:

(a) rigward l-infiq, kwalunkwe att jew omissjoni b'intenzjoni dwar:

- l-użu jew presentazzjoni ta' stqarrijiet jew dokumenti mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett il-misapproprjazzjoni jew iż-żamma mhux korretta ta' fondi mill-bilanċ ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew bilanċi mħaddma minn, jew f'isem, il-Komunitajiet Ewropej,

- ma tkunx żvelata informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett,

- l-applikazzjoni ħażina ta' dawn il-fondi għall-għanijiet barra dawk li għalihom ingħataw oriġinarjament;

[…]

2. Soġġett għall-Artikolu 2(2), kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa u xierqa biex jittrasponu minn paragrafu fil-liġi kriminali tagħhom b'dak il-mod li l-kondotta msemmija hemm tikkostitiwxxi reati kriminali.

3. Bla ħsara għall-Artikolu 2(2), kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-preparazzjoni maħsuba jew forniment ta' stqarrijiet u dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti li għandhom l-effett deskritt f'paragrafu 1 tikkostitiwxxi reat kriminali jekk mhux diġà punit bħala reat prinċipali jew bħala parteċipazzjoni f'instigazzjoni ta', jew attentat biex twettaq, frodi kif definit f'paragrafu 1.

4. In-natura maħsuba ta' att jew omissjoni kif imsemmija f'paragrafi1u3 tista tkun konkluża minn ċirkostanzi oġġettivi u fattwali."

5. Skont l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF:

"1. Kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-kondotta msemmija fl-Artikolu 1, u parteċipazzjoni f'instigazzjoni jew attentat tal-kondotta msemmija fl-Artikolu 1 (1), huma puniti b'penalitajiet kriminali effettivi, proporzjonati u disważivi, inklużi, għal inqas f'każi ta' frodi serja, penalitajiet li jinvolvu depravazzjoni ta' libertà li tista' tagħti lok għal estradizzjoni, u jinftiehem li frodi serja titqies frodi li tinvolvi ammont minimu li għandu jkun stabbilit f'kull Stat Membru. Dan l-ammont minimu ma jistax ikun stabbilit għas-somma li taqbeż 50 000 ECU.

[…]"

[4] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19 Vol. 8, p. 57.

## B. Id-dritt Rumen

### *1. Il-Kostituzzjoni Rumena*

6. Il-Kostituzzjoni Rumena, kif emendata u ssupplimentata bil-Liġi Nru 429/2003, tinkludi d-dispożizzjonijiet segwenti:

"Artikolu 142 – Struttura

1. Il-[Qorti Kostituzzjonali] hija l-garanti tas-supremazija tal-Kostituzzjoni.

2. Il-[Qorti Kostituzzjonali] għandha tikkonsisti minn disa' mħallfin, maħtura għal tul tal-mandat ta' disa' snin, li ma jistax jiġi estiż jew imġedded.

3. Għandhom jiġu maħtura tliet imħallfin mill-Camera Deputaților (il-Kamra tad-Deputati), tlieta mis-Senat (is-Senat) u tlieta mill-President tar-Rumanija.

[…]

Artikolu 143 – Kundizzjonijiet għall-ħatra

L-imħallfin tal-[Qorti Kostituzzjonali] għandu jkollhom kwalifiki legali eċċellenti, livell għoli ta' kompetenza professjonali u mill-inqas 18-il sena ta' esperjenza fix-xogħol legali jew fl-edukazzjoni legali ogħla.

[…]

Artikolu 145 – Indipendenza u irremovabbiltà

L-imħallfin tal-[Qorti Kostituzzjonali] għandhom ikunu indipendenti fl-eżerċizzju tal-kariga tagħhom u għandhom ikunu irremovabbli tul il-mandat.

Artikolu 146 – Dmirijiet

Il-[Qorti Kostituzzjonali] għandha d-dmirijiet segwenti:

[…]

(e) is-soluzzjoni ta' kunflitti legali ta' natura kostituzzjonali bejn awtoritajiet pubbliċi, fuq it-talba tal-President tar-Rumanija, wieħed mill-presidenti taż-żewġt ikmamar tal-Parlament tar-Rumanija, il-Prim Ministru jew il-President tal-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, iktar 'il quddiem iċ-"CSM");

[…]

Artikolu 147 – Deċiżjonijiet tal-[Qorti Kostituzzjonali]

1. Id-dispożizzjonijiet ta' liġijiet u digrieti li huma attwalment fis-seħħ, kif ukoll dawk ta' regolamenti, li jiġi kkonstatat li huma antikostituzzjonali għandhom jieqfu milli jkollhom effett legali 45 jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-[Qorti Kostituzzjonali] jekk, matul dan iż-żmien, il-Parlament jew il-Gvern, skont kif ikun xieraq, jonqos milli jagħmel

id-dispożizzjonijiet antikostituzzjonali konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Matul dak il-perijodu, id-dispożizzjonijiet li jkunu ġew ikkonstatati bħala antikostituzzjonali jiġu sospiżi bil-liġi.

2. F'każijiet ta' antikostituzzjonalità li tikkonċerna liġijiet, qabel il-promulgazzjoni ta' dawn il-liġijiet, il-Parlament ikun marbut li jirrevedi d-dispożizzjonijiet ikkonċernati sabiex jagħmilhom konformi mad-deċiżjoni tal-[Qorti Kostituzzjonali].

[…]

4. Id-deċiżjonijiet tal-[Qorti Kostituzzjonali] jiġu ppubblikati fil-Monitorul Oficial al României (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija). Mid-data tal-pubblikazzjoni, dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu ġeneralment vinkolanti u jkollhom effett legali biss għall-futur."

### *2. Il-Liġi Nru 303/2004*

7. Skont l-Artikolu 99(ş) tal-Legea nr. 303/2004 privind statutul judecătorilor și procurorilor (il-Liġi Nru 303/2004 dwar ir-Regoli li Jirregolaw lill-Imħallfin u lill-Prosekuturi, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 303/2004")[5], in-"nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjonijiet tal-[Qorti Kostituzzjonali] […]" jikkostitwixxi ksur dixxiplinari.

### *3. Il-Liġi Nru 304/2004*

8. Il-kompożizzjoni tal-kulleġġi tal-QGħKĠ hija rregolata mill-Artikoli 32 u 33 tal-Legea nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 304/2004")[6]. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew emendati fl-2010, fl-2013 u fl-2018.

9. Fil-verżjoni emendata mil-Legea nr. 207/2018 pentru modificarea și completarea Legii nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 207/2018 li temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru 304/2004)[7], l-Artikolu 32 tal-Liġi 304/2004 jaqra kif ġej:

"1. Fil-bidu ta' kull sena, fuq proposta tal-President jew tal-Viċi Presidenti tal-[QGħKĠ], il-Kunsill Governattiv għandu japprova n-numru tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin u l-kompożizzjoni ta' dawn il-kulleġġi.

2. Fi kwistjonijiet kriminali, il-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom jikkonsistu minn membri tal-Awla Kriminali tal-[QGħKĠ].

3. Fi kwistjonijiet mhux kriminali, il-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom jikkonsistu minn imħallfin speċjalizzati, skont in-natura tal-kawża.

4. L-imħallfin fuq dawn il-kulleġġi għandhom jiġu maħtura billi jittellgħu bix-xorti waqt seduta pubblika, mill-President jew, fl-assenza tiegħu jew tagħha, minn wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti tal-[QGħKĠ]. Il-membri ta' kulleġġi li jkunu qegħdin jisimgħu l-kawżi jistgħu jiġu mibdula biss

[5] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 826 tat-13 ta' Settembru 2005.

[6] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 827 tat-13 ta' Settembru 2005.

[7] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 636 tal-20 ta' Lulju 2018.

fuq bażi eċċezzjonali, fid-dawl tal-kriterji oġġettivi stabbiliti mir-Regulamentul privind organizarea și funcționarea administrativă a Înaltei Curți de Casație și Justiție (ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-[QGħKĠ]).

5. Il-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom jiġu ppresjeduti mill-President tal-[QGħKĠ], minn wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti, jew minn Presidenti tal-Awli jekk dawn ikunu ġew maħtura skont il-punt 4 sabiex joqogħdu fuq il-kulleġġ inkwistjoni.

6. Jekk l-ebda minn dawn il-persuni ma jkun maħtur sabiex joqgħod fuq kulleġġ ta' ħames imħallfin, kull imħallef għandu jippresjedi kulleġġ fuq bażi ta' rotazzjoni, skont it-tul tas-servizz tagħhom fi ħdan il-maġistratura.

7. Il-kawżi li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin jiġu allokati b'mod każwali bl-użu ta' sistema kkompjuterizzata."

## *4. Ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-QGħKĠ*

10. Ir-regulamentul privind organizarea și funcționarea administrativă a ÎCCJ (ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-QGħKĠ, iktar 'il quddiem ir-"Regolament QGħKĠ") [8] ġie adottat fuq il-bażi tal-Liġi Nru 304/2004. Dan ġie emendat u komplut bid-Deċiżjoni Nru 24 tal-QGħKĠ tal-25 ta' Novembru 2010 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 24/2010") [9], u bid-Deċiżjoni Nru 3 tal-QGħKĠ tat-28 ta' Jannar 2014 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 3/2014") [10].

11. Fil-verżjoni tagħhom kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 3/2014, l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament QGħKĠ jaqraw kif ġej:

"Artikolu 28

1. Il-kulleġġi ta' ħames imħallfin li għandhom ġurisdizzjoni li jisimgħu kawżi stabbiliti bid-dritt għandhom jaħdmu fi ħdan il-qafas tal-[QGħKĠ].

2. Fil-bidu ta' kull sena, kulleġġi ta' ħames imħallfin li jikkonsistu biss minn membri tal-Awla Kriminali għandhom jiġu stabbiliti fi kwistjonijiet kriminali, u fi kwistjonijiet mhux kriminali għandhom jiġu stabbiliti żewġ kulleġġi ta' ħames imħallfin li jikkonsistu minn membri tal-Ewwel Awla Ċivili, tat-Tieni Awla Ċivili u tal-Awla għal Kwistjonijiet Amministrattivi u Fiskali.

3. In-numru ta' kulleġġi ta' ħames imħallfin fi kwistjonijiet kriminali għandu jiġi approvat annwalment mill-Kunsill Governattiv, li jaġixxi fuq proposta mill-President tal-Awla Kriminali.

4. Il-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom jiġu ppresjeduti, kif xieraq, mill-President, mill-Viċi Presidenti, mill-President tal-Awla Kriminali jew mill-ixjeħ membru.

[8] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 1 076 tat-30 ta' Novembru 2005.

[9] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 819 tat-8 ta' Diċembru 2010.

[10] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 75 tat-30 ta' Jannar 2014.

Artikolu 29

1. Bl-għan li jiġu stabbiliti kulleġġi ta' ħames imħallfin fi kwistjonijiet kriminali, il-President jew, fl-assenza tiegħu jew tagħha, wieħed mill-Viċi Presidenti tal-[QGħKĠ] għandhom jaħtru annwalment, billi jtellgħu bix-xorti, waqt seduta pubblika, erba' jew, fejn xieraq, ħames imħallfin mill-Awla Kriminali tal-[QGħKĠ] għal kull kulleġġ.

2. Bl-għan li jiġu stabbiliti żewġ kulleġġi ta' ħames imħallfin fi kwistjonijiet mhux kriminali, il-President jew, fl-assenza tiegħu jew tagħha, wieħed mill-Viċi Presidenti tal-[QGħKĠ] għandhom jaħtru, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1, imħallfin bħala membri ta' dawn il-kulleġġi.

3. Il-Kulleġġ Governattiv tal-[QGħKĠ] għandu jiddetermina annwalment kemm l-awli huma rrappreżentati b'mod ġust fil-kompożizzjoni tal-kulleġġi msemmija fil-punt 2 u għandu japprova l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin; fil-każ tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin fi kwistjonijiet kriminali, dan għandu jsir b'risposta għal proposta mill-President tal-Awla Kriminali.

4. Imħallfin li jkunu ġew maħtura fis-sena preċedenti ma għandhomx jieħdu sehem fit-tlugħ bix-xorti fis-sena segwenti.

5. Erba', jew fejn xieraq, ħames imħallfin sostituttivi għandhom jiġu maħtura għal kull kulleġġ taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 sa 3."

### *5. Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali*

12. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 426 tal-Legea nr. 135/2010 privind Codul de procedură penală (il-Liġi Nru 135/2010 li tistabbilixxi l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali)[11], kif emendata mil-Legea nr. 255/2013 u mill-Ordonanța de urgență a Guvernului României nr. 18/2016 (id-Digriet Liġi Nru 18/2016, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' Proċedura Kriminali"):

"Jista' jiġi ppreżentat rimedju ġudizzjarju straordinarju għal annullament ta' deċiżjonijiet finali fi proċeduri kriminali fil-kawżi segwenti:

[...]

(d) fejn il-kompożizzjoni tal-qorti tal-appell ma tkunx konformi mal-liġi jew fejn ikun hemm każ ta' inkompatibbiltà".

13. Skont l-Artikolu 428(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, "jista' jiġi ppreżentat rimedju ġudizzjarju straordinarju għal annullament għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 426(a) u (c) sa (h) fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti tal-appell".

14. Skont l-Artikolu 432(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali: "fis-seduta miżmuma sabiex tkun tista' tingħata deċiżjoni dwar ir-rimedju ġudizzjarju straordinarju għal annullament, jekk il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet u l-fehma tal-prosekutur, tikkonstata li r-rikors huwa fondat, hija għandha tagħti deċiżjoni li twarrab id-deċiżjoni li fir-rigward tagħha ntalab annullament u għandha tibgħat il-kawża għas-sentenza jew għas-sentenza fuq appell, immedjatament jew billi tistabbilixxi terminu, kif ikun xieraq".

[11] Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 486 tal-15 ta' Lulju 2010.

### *6. Il-Kodiċi Kriminali*

15. L-Artikolu 154 tal-Legea nr. 286/2009 privind Codul penal (il-Liġi Nru 286/2009 dwar il-Kodiċi Kriminali) [12], tas-17 ta' Lulju 2009, kif sussegwentement emendata u ssupplimentata (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Kriminali"), jiddikjara li:

"(1) It-termini ta' preskrizzjoni għal responsabbiltà kriminali huma kif ġej:

(a) 15-il sena, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi bi priġunerija għall-għomor jew b'terminu ta' priġunerija ta' iktar minn 20 sena;

(b) 10 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn 10 snin u mhux iktar minn 20 sena;

(c) 8 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn 5 snin u mhux iktar minn 10 snin;

(d) 5 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sena u mhux iktar minn 5 snin;

(e) 3 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' inqas minn sena jew b'multa.

(2) It-termini ta' preskrizzjoni stabbiliti f'dan l-artikolu għandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha jitwettaq ir-reat. It-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri: fil-każ ta' reati kontinwi, mid-data li fiha tintemm l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni; fil-każ ta' reati kontinwi, mid-data li fiha titwettaq l-aħħar azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni, u fil-każ ta' reati kontinwati, mid-data li fiha jitwettaq l-aħħar att.

(3) Fil-każ ta' reati progressivi, it-terminu ta' preskrizzjoni għal responsabbiltà kriminali jibda jiddekorri mid-data li fiha titwettaq l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni u għandu jiġi kkalkolat fir-rigward tas-sanzjoni li tikkorrispondi għall-konklużjoni finali.

[...]"

16. Il-kawżi u l-effetti tal-interruzzjonijiet tal-perijodi ta' preskrizzjoni huma rregolati mill-Artikolu 155 tal-Kodiċi Kriminali kif ġej:

"(1) It-tlestija ta' kwalunkwe azzjoni proċedurali f'kawża għandha tikkostitwixxi interruzzjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni għal responsabbiltà kriminali.

(2) Għandu jibda jiddekorri perijodu ta' preskrizzjoni ġdid wara kull interruzzjoni.

(3) L-interruzzjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni għandha tkun eżegwibbli kontra l-parteċipanti kollha fir-reat, anki jekk l-azzjoni ta' interruzzjoni tikkonċerna biss lil wieħed minn dawn il-parteċipanti.

12 Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 510 tal-24 ta' Lulju 2009.

(4) Jekk il-perijodi ta' preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 154 jinqabżu għal darba oħra, dawn għandhom jitqiesu li tlestew irrispettivament min-numru ta' interruzzjonijiet.

(5) L-ammissjoni fil-prinċipju tat-talba għall-ftuħ mill-ġdid ta' kawża kriminali għandha tagħti bidu għal perijodu ta' preskrizzjoni ġdid għar-responsabbiltà kriminali."

## III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari

### A. Il-Kawża C-357/19

17. Il-proċeduri prinċipali f'din il-kawża jikkonċernaw appelli straordinarji mressqa mill-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-QGħKĠ – Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, iktar 'il quddiem il-"Prosekutur") minn naħa, u erba' appellanti f'din il-kawża, min-naħa l-oħra, minn sentenza finali tal-5 ta' Ġunju 2018.

18. Din is-sentenza, li ngħatat minn kulleġġ ta' ħames imħallfin tal-QGħKĠ, ikkundannat lill-appellanti għal atti ta' korruzzjoni, abbuż tal-kariga u evażjoni ta' taxxa. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-kulleġġ ta' ħames imħallfin iddeċieda dwar l-appell mis-sentenza tal-Awla Kriminali tal-QGħKĠ tat-28 ta' Marzu 2017. Dak il-kulleġġ kien kompost mill-President tal-Awla Kriminali tal-QGħKĠ, u minn erba' mħallfin oħra maħtura bix-xorti, skont ir-Regolament QGħKĠ.

19. Fir-rigward tal-atti ta' *korruzzjoni*, ġie deċiż li matul il-perijodu mill-2010 sal-2012, l-ewwel appellanti, li dak iż-żmien kienet ministru, ikkoordinat skema li permezz tagħha hi u diversi persuni viċini tagħha rċevew somom ta' flus mir-rappreżentanti ta' ċerti kumpanniji kummerċjali sabiex jiġi żgurat lil dawn il-kumpanniji l-ħlas fil-ħin għal xogħlijiet imwettqa fi ħdan il-programmi ffinanzjati mill-baġit tal-ministeru, fi żmien meta dak il-baġit ġie notevolment imnaqqas u l-ħlas tax-xogħlijiet ġie mdewwem b'mod sinjifikattiv. Din l-iskema involviet ukoll lit-tieni appellant (dak iż-żmien, l-assistent personali tal-ministru), it-tielet appellant (dak iż-żmien, is-segretarju parlamentari tal-ministru), kif ukoll diversi persuni oħra (konsulent personali tal-ministru u direttur ta' organu tal-investiment nazzjonali).

20. Fir-rigward tal-atti tal-*abbuż tal-kariga*, ġie kkonstatat li, matul l-2011, l-ewwel appellanti, fil-kapaċità tagħha bħala ministru, awtorizzat lill-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali u għat-Turiżmu jagħti kuntratt għal servizzi lil SC Europlus Computers SRL, li kienet immexxija mit-tielet appellant. Il-kuntratt kien jikkonċerna l-provvista ta' servizzi sabiex tiġi promossa r-Rumanija fil-kuntest tal-avvenimenti li seħħew matul il-gala tal-boxing professjonali internazzjonali organizzata mill-Federazzjoni tal-Boxing Rumena. L-għoti tal-kuntratt għal servizzi ta' reklamar ibbenefika minn fondi pubbliċi fl-ammont ta' 8 116 800 lei Rumeni (RON) għall-organizzazzjoni ta' avveniment kummerċjali li minnu l-organizzaturi ħadu r-rikavat kollu.

21. Konsegwentement ġie deċiż li l-fondi pubbliċi ntużaw għal skopijiet illegali u li l-kuntratt ingħata bi ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi. Is-servizzi mixtrija ma kinux jaqgħu fil-kategoriji eliġibbli ta' nfiq għal programmi mħallsa mill-Unjoni fil-kuntest tal-"Proġett ta' promozzjoni tal-marka tat-turiżmu tar-Rumanija", taħt il-Programm Operazzjonali Reġjonali 2007-2013. Dawn iċ-ċirkustanzi rriżultaw fir-rifjut, mill-awtorità tal-ġestjoni tal-fondi

Ewropej, milli jitħallsu l-ammonti dovuti. Għalhekk, l-ammonti li kellhom jiġu rrimborsati permezz ta' fondi Ewropej tħallsu kompletament mill-baġit tal-Istat. It-telf għall-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali u għat-Turiżmu ammonta għal RON 8 116 800.

22. Fir-rigward tal-atti ta' *frodi tat-taxxa*, instab li, sabiex jitnaqqas l-ammont tat-taxxa dovuta lill-baġit tal-Istat fir-rigward tad-dħul miksub mill-avvenimenti msemmija iktar 'il fuq, ir-raba' appellant inkluda fil-kontijiet ta' SC Europlus Computers dokumentazzjoni maħruġa minn kumpanniji fittizji li jiċċertifikaw spejjeż fittizji, allegatament magħmula għal servizzi ta' reklamar u ta' konsulenza, għall-għanijiet ta' tnaqqis fl-ammont ta' taxxi dovuti lill-baġit tal-Istat fir-rigward tar-rikavat miksub mill-avvenimenti msemmija iktar 'il fuq. Dan irriżulta f'danni fl-ammont ta' RON 646 838 (inklużi RON 388 103 bħala taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), u RON 90 669 (inklużi RON 54 402 bħala VAT).

23. Wara li s-sentenza (tal-appell, b'ħames imħallfin) tal-QGħKĠ tal-5 ta' Ġunju 2018 saret finali, il-Qorti Kostituzzjonali tat id-Deċiżjoni tagħha Nru 685/2018 tas-7 ta' Novembru 2018 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 685/2018"). Dik id-deċiżjoni laqgħet ir-rikors ippreżentat mill-Prim Ministru tal-Gvern tar-Rumanija. Hija ddikjarat li kien hemm kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn il-Parlament, minn naħa, u l-QGħKĠ, min-naħa l-oħra, li rriżulta mid-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ li skonthom kienu biss erba' mill-ħames membri tal-kulleġġi ta' ħames membri li ġew maħtura bix-xorti. Dan ġie ddikjarat li kien kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004. Bħala riżultat, il-kulleġġi kollha ta' ħames imħallfin iffurmati mill-1 ta' Frar 2014 'il quddiem ġew ikkunsidrati bħala komposti illegalment. Il-Qorti Kostituzzjonali ordnat lill-QGħKĠ taħtar, mill-iktar fis, lill-membri kollha tal-kulleġġi ta' ħames ġudikanti bix-xorti. Hija ddikjarat ukoll li d-Deċiżjoni Nru 685/2018 hija applikabbli għal kawżi li tlestew, sa fejn it-termini sabiex jiġi ppreżentat rimedju ġudizzjarju straordinarju għadhom ma skadewx għall-partijiet.

24. L-appellanti, kif ukoll il-Prosekutur, ippreżentaw rimedju ġudizzjarju straordinarju għal annullament, fuq il-bażi tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali, biex titwarrab is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018 u għal eżami mill-ġdid tal-appelli tagħhom. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju hija għalhekk mitluba tiddeċiedi dwar il-merti tal-motivi taż-żewġ partijiet. Hija tista' tiċħad ir-rimedju ġudizzjarju straordinarju, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, jew inkella tilqa' r-rikors, u b'hekk twarrab is-sentenza li tikkundanna lill-appellanti u teżamina l-appelli mill-ġdid.

25. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 1(1)(a) u (b), u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni [PIF], kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu deċiżjoni adottata minn korp li ma għandux kompetenza ġudizzjarja, il-[Qorti Kostituzzjonali], li tiddeċiedi dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti u toħloq il-kundizzjonijiet għal rimedji ġudizzjarji straordinarji kontra s-sentenzi definittivi adottati matul perijodu partikolari?

(2) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-[Karta] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-konstatazzjoni, vinkolanti taħt id-dritt nazzjonali, minn korp li ma għandux kompetenza ġudizzjarja, ta' nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità ta' kulleġġ ġudikanti li jifforma parti minnu Imħallef li jokkupa pożizzjoni superviżorja li ma nħatarx b'mod każwali iżda abbażi ta' regola trasparenti, magħrufa u mhux ikkontestata mill-partijiet, liema regola tapplika għall-kawżi kollha attribwiti lil dan il-kulleġġ ġudikanti?

(3) Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lil qorti nazzjonali li ma tapplikax deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali, adottata f'kawża dwar kunflitt kostituzzjonali, li hija vinkolanti taħt id-dritt nazzjonali?"

## B. Il-Kawża C-547/19

26. Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' April 2018, l-Awla għall-Imħallfin li jisimgħu kwistjonijiet dixxiplinari taċ-CSM ikkonfermat is-sanzjoni dixxiplinari mressqa mill-Inspecția Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija) kontra l-appellanti, imħallef tal-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell, Bukarest, ir-Rumanija). Din is-sanzjoni imponiet fuqha s-sanzjoni dixxiplinari tal-esklużjoni mill-ġudikatura, skont l-Artikolu 100(e) tal-Liġi Nru 303/2004. Dik l-awla ddikjarat li kien hemm ksur serju tad-dispożizzjonijiet relatati mal-allokazzjoni każwali tal-kawżi. L-appellanti kienet għaldaqstant wettqet il-ksur dixxiplinari msemmi fl-Artikolu 99(o) tal-Liġi Nru 303/2004.

27. L-appellanti kkontestat id-deċiżjoni tat-2 ta' April 2018 quddiem il-QGħKĠ. Appell ieħor parallel minn digriet proċedurali li ċaħad intervent fil-proċeduri oriġinali quddiem l-Awla għall-Imħallfin li jisimgħu kwistjonijiet dixxiplinari b-CSM ġie ppreżentat mill-Asociația Forumul Judecătorilor din România (il-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, ir-Rumanija). Iż-żewġ appelli ġew attribwiti lill-kulleġġ ta' ħames imħallfin "Civil 2", li kien kompost fit-30 ta' Ottubru 2017, billi ttellgħu bix-xorti u ġew approvati mid-Deċiżjoni Nru 68 tal-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ tat-2 ta' Novembru 2017. Iż-żewġ appelli ġew magħquda fiż-żmien tas-seduta fit-22 ta' Ottubru 2018.

28. Fis-7 ta' Novembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali tat id-Deċiżjoni tagħha Nru 685/2018 [13].

29. Fit-8 ta' Novembru 2018, il-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ adotta d-Deċiżjoni Nru 137/2018. Fid-9 ta' Novembru 2018, skont din id-deċiżjoni, il-membri kollha tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin għall-2018 ġew maħtura billi ttellgħu bix-xorti.

30. Fid-29 ta' Novembru 2018, ġiet ippubblikata d-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali. Wara din il-pubblikazzjoni, l-Awla għall-Imħallfin li jisimgħu kwistjonijiet dixxiplinari taċ-CSM adottat id-Deċiżjoni Nru 1367 tal-5 ta' Diċembru 2018, li inkludiet ir-regoli sabiex "tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-[Deċiżjoni Nru 685/2018]" (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 1367/2018").

31. Sabiex josserva din l-aħħar deċiżjoni, il-kulleġġ adit b'din il-kawża, fil-kompożizzjoni stabbilita mid-Deċiżjoni Nru 137/2018, ordna fl-10 ta' Diċembru 2018 li l-kawża titneħħa mir-Reġistru bl-għan li tiġi allokata każwalment lil kulleġġ, li l-kompożizzjoni tiegħu tkun stabbilita bit-tlugħ tax-xorti, skont ir-regoli approvati mill-Awla għall-Imħallfin taċ-CSM fid-Deċiżjoni Nru 1367/2018.

[13] Ara iktar 'il fuq, il-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32. Fit-13 ta' Diċembru 2018, inżamm it-tlugħ tax-xorti għall-għażla tal-membri tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin għall-2018 fis-sede tal-QGħKĠ. Il-proċess ta' din il-kawża ġie allokat b'mod każwali lil kulleġġ ta' ħames imħallfin – Civil 3 – 2018. Dan huwa l-kulleġġ li ppreżenta din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

33. Permezz tad-Deċiżjoni Nru 1535 tad-19 ta' Diċembru 2018 tal-Awla għall-Imħallfin taċ-CSM (id-Deċiżjoni Nru 1535/2018), ġie stabbilit li l-kawżi li kienu allokati lill-kulleġġi ta' ħames imħallfin li kienu ġew komposti għas-sena 2018 għandhom ikomplu jiġu eżaminati minn dawn il-kulleġġi wara l-1 ta' Jannar 2019, anki jekk l-ebda atti proċedurali ma seħħew f'dawn il-proċessi.

34. Fid-dawl ta' dawn l-avvenimenti, l-appellanti ressqet, *inter alia*, eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ li jisma' l-kawża tagħha u eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tad-Deċiżjonijiet Nru 1367/2018 u Nru 1535/2018 tal-Awla għall-Imħallfin taċ-CSM, kif ukoll id-deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ[14]. L-appellanti ssostni li l-intervent tal-Qorti Kostituzzjonali u taċ-CSM fl-attività tal-QGħKĠ jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-kontinwità tal-kulleġġ li jisma' l-kawża. Li kieku ma kienx għal dan l-intervent, il-kawża kienet tiġi korrettement assenjata lil wieħed mill-kulleġġi ta' ħames imħallfin stabbiliti, skont l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004, għall-2019. Il-kontinwazzjoni tal-attività ta' kulleġġ ġudikanti lil hinn mil-limitu temporali previst mid-dritt nazzjonali tikkostitwixxi, skont l-appellanti, ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il-quddiem il-"KEDB") u tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jwassal għal riperkussjonijiet fuq l-Artikolu 2 TUE. Bl-impożizzjoni ta' ċerta kondotta fuq il-QGħKĠ, iċ-CSM, li huwa organu amministrattiv, kiser il-prinċipji tal-Istat tad-dritt billi kkomprometta l-indipendenza u l-imparzjalità fl-infurzar tal-ġustizzja li għandhom dejjem jiġu osservati minn qorti stabbilita bil-liġi.

35. Il-qorti tar-rinviju tispjega li, għalkemm id-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali ma taffettwax, fil-prinċipju, il-kompożizzjoni ta' kulleġġi ġudikanti mhux kriminali, hija madankollu għandha effett indirett fuq dawn il-proċeduri. Ir-raġuni għal dan hija li, sabiex tiġi applikata dik id-deċiżjoni, iċ-CSM adotta sensiela ta' atti amministrattivi li jimponu fuq il-QGħKĠ interpretazzjoni differenti tad-dispożizzjonijiet dwar il-karattru annwali tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin.

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 2 [TUE], l-Artikolu 19(1) tal-istess trattat u l-Artikolu 47 tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-intervent ta' qorti kostituzzjonali (organu li skont id-dritt nazzjonali ma huwiex istituzzjoni ġudizzjarja) fir-rigward tal-mod kif il-qorti suprema interpretat u applikat il-leġiżlazzjoni infrakostituzzjonali fl-attività ta' ħatra tal-kulleġġi ġudikanti?"

14 Id-deċiżjoni tar-rinviju tiċċita d-Deċiżjonijiet Nru 157/2018, Nru 153/2018 u Nru 2/2019. Madankollu, ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn id-deċiżjonijiet jew dwar ir-rilevanza tagħhom għall-proċeduri prinċipali.

## C. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

37. Il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-357/19 talbet li l-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa skont l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad din it-talba fit-23 ta' Mejju 2019. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2019, ingħata trattament ta' prijorità lil din il-kawża, kif ukoll lill-Kawża C-547/19, skont l-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

38. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Frar 2020, il-Kawżi C-357/19 u C-547/19 ġew magħquda għall-proċedura orali, kif ukoll għas-sentenza.

39. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub fil-Kawża C-357/19 mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' appellanti, mill-Prosekutur, mill-Gvern Pollakk u mill-Gvern Rumen, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

40. Fil-Kawża C-547/19, ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-appellanti, mill-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, miċ-CSM, mill-Ispettorat Ġudizzjarju, mill-Gvern Rumen u mill-Kummissjoni.

41. L-ewwel appellanti fil-Kawża C-357/19, it-tieni appellant fil-Kawża C-357/19, l-appellanti fil-Kawża C-547/19, il-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, il-Prosekutur, il-Gvern Rumen, kif ukoll il-Kummissjoni, irrispondew għad-domandi għal risposta bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

## IV. Analiżi

42. Dawn il-konklużjonijiet huwa strutturati kif ġej. L-ewwel nett, ser nindirizza l-oġġezzjonijiet għall-ammissibbiltà tad-domandi preliminari magħmula mill-partijiet ikkonċernati (A). It-tieni nett, ser nistabbilixxi l-qafas legali tal-Unjoni applikabbli u nidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni applikabbli għal dawn il-kawżi (B). It-tielet nett, ser inwettaq l-evalwazzjoni tas-sustanza tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja (C).

## A. L-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

### *1. Il-Kawża C-357/19*

43. L-ewwel, it-tieni u r-raba' appellanti, kif ukoll il-Gvern Pollakk, isostnu li d-domandi magħmula fil-Kawża C-357/19 huma inammissibbli[15]. L-ewwel grupp ta' oġġezzjonijiet huwa relatat mal-allegat nuqqas ta' kompetenza tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-proċeduri prinċipali, li għalhekk effettivament jikkonċerna l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (a). It-tieni linja ta' oġġezzjonijiet tikkonċerna n-nuqqas ta' rilevanza tad-domandi preliminari għall-proċeduri prinċipali (b).

[15] Il-Gvern Rumen sostna fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li d-domandi preliminari kienu inammissibbli. Madankollu, dan il-gvern biddel il-fehma tiegħu fir-risposta tiegħu għad-domandi bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

### *a) In-nuqqas ta' kompetenza tal-Unjoni*

44. L-ewwel u r-raba' appellanti jsostnu li din il-kawża taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni peress li l-aspetti kollha relatati mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali inkwistjoni huma strettament nazzjonali. B'mod simili, it-tieni appellant isostni li l-kawża ma għandha l-ebda rabta mad-dritt tal-Unjoni.

45. Skont il-Gvern Pollakk, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex twettaq stħarriġ tas-sustanza tad-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali, b'deċiżjoni dwar jekk il-qrati nazzjonali humiex obbligati jsegwu d-deċiżjonijiet ta' ġurisdizzjonijiet nazzjonali oħra. Iktar minn hekk, id-domandi magħmula ma humiex neċessarji għall-ġudizzju fil-proċeduri prinċipali. Il-proċeduri prinċipali jikkonċernaw sitwazzjoni purament interna li ma tolqot l-ebda qasam li fih l-Unjoni għandha xi kompetenza. Iktar minn hekk, il-Karta tapplika biss fejn l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

46. Fil-fehma tiegħi, dawn l-argumenti ma humiex konvinċenti.

47. L-Unjoni fil-fatt ma għandha l-ebda kompetenza leġiżlattiva diretta fil-qasam tal-organizzazzjoni ġudizzjarja ġenerali. Madankollu, huwa ċar li l-Istati Membri huma taħt l-obbligu li josservaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE u l-Konvenzjoni PIF, kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta, meta jabbozzaw ir-regoli tagħhom u jadottaw prattiċi li jolqtu l-applikazzjoni nazzjonali u l-eżekuzzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Din il-loġika ma hijiex *dipendenti fuq il-qasam*. Fir-rigward tal-limiti tal-Unjoni fuq l-awtonomija proċedurali nazzjonali standard, hija, u dejjem kienet, *dipendenti fuq l-inċidenza*. Hija tista' tirrelata ma' kwalunkwe element ta' strutturi jew proċeduri nazzjonali użati għall-infurzar nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni.

48. Il-kwistjoni speċifika indirizzata f'din il-kawża, jiġifieri jekk il-ġurisprudenza nazzjonali u d-dispożizzjonijiet ikkonċernati bil-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-QGħKĠ, jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u dawk li potenzjalment huma l-obbligi li jirriżultaw minnhom, hija preċiżament is-suġġett tad-domandi preliminari. Huwa biżżejjed li wieħed jinnota għaldaqstant li d-domanda preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, partikolarment, tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE u l-Konvenzjoni PIF, kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta. F'dak il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha b'mod ċar il-ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni fuq din it-talba [16].

49. Iktar minn hekk, minkejja d-diskussjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 325(1) TFUE, tal-Konvenzjoni PIF u tal-Karta, u l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens iktar tradizzjonali, li ser tiġi analizzata fid-dettall iktar 'il quddiem f'dawn il-konklużjonijiet [17],

[16] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, X u X (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punt 37); tas-26 ta' Settembru 2018, Belastingdienst vs Toeslagen (Effett sospensiv tal-appell) (C-175/17, EU:C:2018:776, punt 24); tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 74); jew tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punti 40 u 41).

[17] Ara iktar 'l isfel, il-punti 86 sa 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa applikabbli fejn organu nazzjonali *jista'* jiddeċiedi, bħala qorti, fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [18].

50. Ftit jista' jkun hemm dubju li l-QGħKĠ, li hija l-organu ġudizzjarju li l-indipendenza tagħha hija fil-fatt qiegħda tiġi affettwata permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni f'din il-kawża, hija organu ġudizzjarju nazzjonali li normalment jintalab jiddeċiedi, bħala qorti, fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

51. Bħala riżultat, ma nqisx li xi wieħed mill-argumenti mressqa jista' jqajjem xi dubju dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti risposta għad-domandi magħmula fil-Kawża C-357/19.

### *b) Ir-rilevanza tad-domandi preliminari għall-proċeduri prinċipali*

52. Ir-raba' appellant isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-proċeduri prinċipali u li l-kwistjoni tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma hijiex rilevanti. Ir-raġuni għal dan hija li, minkejja r-risposta għad-domandi magħmula, ir-risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja ma tippermettix lill-qorti tar-rinviju tiddeċiedi dwar il-kawża inkwistjoni. It-tieni appellant isostni li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fid-domandi preliminari magħmula huma ta' natura ġenerali. Bħala tali, ma jqajmu l-ebda dubji u ma għandhom l-ebda rabta mal-proċeduri fil-kawża prinċipali. Iktar minn hekk, dak l-appellant isostni wkoll li, fi kwalunkwe każ, is-sitwazzjoni ġuridika tiegħu ma hijiex marbuta ma' reat relatat ma' frodi li tinvolvi fondi tal-Unjoni.

53. Essenzjalment bl-istess dubji, l-ewwel appellanti żżid ukoll li bir-riferiment għall-Konvenzjoni PIF, il-qorti tar-rinviju fittxet li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-ammissibbiltà b'mod illegali u infondat. Dik l-appellanti tiddikjara li, fir-rigward tar-reat tal-attentat ta' użu ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti li huma foloz, mhux eżatti jew inkompleti sabiex jinkiseb, indebitament, il-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni, hija ġiet illiberata definittivament. Iktar minn hekk, il-baġit tal-Unjoni ma ġiex affettwat u l-għan tal-appell straordinarju fil-proċeduri prinċipali ma huwa relatat bl-ebda mod ma' dan ir-reat. Għaldaqstant, din il-kawża ma tippreżenta l-ebda rabta mad-dritt tal-Unjoni.

54. Fil-fehma tiegħi, dawn l-oġġezzjonijiet ma jistgħux jintlaqgħu.

55. L-ewwel nett, id-domandi kollha magħmula fil-Kawża C-357/19 saru fil-qafas tal-analiżi tal-appell straordinarju pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Sabiex tittieħed deċiżjoni fuq dan l-appell, din il-qorti tikkunsidraha neċessarja li tiċċara, permezz tal-ewwel u tat-tieni domandi, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet varji tad-dritt tal-Unjoni, sabiex jiġi evalwat jekk dawn jipprekludux l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali, li inkella hija tkun marbuta li tapplika. Jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni kostituzzjonali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fit-tielet domanda tagħha, dwar il-konsegwenzi legali ta' din il-konstatazzjoni, fi kliem ieħor, dwar il-possibbiltà li din id-deċiżjoni ma tiġix applikata fuq il-bażi tal-prinċipju tas-supremazija.

[18] Ara s-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 40); tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 51); tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 83); jew tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 34).

56. Mingħajr f’dan l-istadju ma nippreġudika b’xi mod ir-risposta possibbli dwar il-merti ta’ dawn id-domandi kollha, ma hemm l-ebda dubju f’moħħi li d-domandi magħmula huma *rilevanti* għall-ġudizzju tal-proċeduri fil-kawża prinċipali, b’impatt dirett fuq id-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-qorti tar-rinviju [19]. Id-domandi magħmula għaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiżit tal-“ħtieġa” għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE [20].

57. It-tieni nett, l-argumenti sostnuti fir-rigward tal-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19 dwar ir-reati partikolari u s-sitwazzjonijiet tal-appellanti speċifiċi ma jaffettwawx, fil-fehma tiegħi, l-ammissibbiltà ta’ din id-domanda. Dawn l-argumenti essenzjalment jibbażaw ruħhom fuq il-fatt li l-ewwel appellanti ġiet illiberata mill-frodi li tinvolvi fondi tal-Unjoni, li l-partijiet l-oħra ma humiex affettwati minn dak it-tip ta’ reat, u li r-riżultat tal-ftuħ mill-ġdid tal-każ permezz tal-appell straordinarju b’applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 jista’ jippermetti stħarriġ tal-konstatazzjoni tal-liberazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet, huwa ssuġġerit li d-domandi huma irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali.

58. Madankollu, l-ewwel domanda hija fi kwalunkwe każ inammissibbli. Il-proċeduri prinċipali jikkonċernaw ukoll atti li jammontaw għal frodi fiskali li rriżultaw f’telf mhux negliġibbli fil-ġbir tal-VAT [21]. Minnu nnifsu, dan diġà jippreżenta rabta ċara mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni [22].

59. Iktar minn hekk, fir-rigward tar-reati l-oħra msemmija (korruzzjoni u abbuż tal-kariga [23]), il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 325(1) TFUE u/jew il-Konvenzjoni PIF tkoprix sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-proċeduri fil-kawża prinċipali taqa’ taħt il-merti. Kif spjegat il-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-għan tal-ewwel domanda huwa li jiġi żgurat, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-obbligi tal-Istati Membri taħt l-Artikolu 325(1) TFUE, u l-Artikolu 1(1)(a) u (b) u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF jikkonċernawx ukoll sanzjonijiet kriminali imposti diġà. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li interpretazzjoni tal-frażi “u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta’ l-Unjoni” fl-Artikolu 325(1) TFUE, hija neċessarja sabiex jiġi stabbilit jekk tkoprix atti ta’ korruzzjoni u frodi mwettqa fil-kuntest ta’ kuntratti pubbliċi, fejn l-għan imfittex kien il-kisba tar-rimbors ta’ somom minn fondi tal-Unjoni, anki jekk dawn il-fondi finalment ma kinux iffrodati.

60. Għaldaqstant, li jiġi stabbilit jekk l-Artikolu 325(1) TFUE u/jew il-Konvenzjoni PIF japplikawx f’sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-proċeduri fil-kawża prinċipali huwa preċiżament l-għan tal-ewwel domanda. Ir-risposta għal din id-domanda hija b’mod ċar kwistjoni ta’ sustanza, mhux kwistjoni ta’ ammissibbiltà.

19 Ara wkoll iktar ’il fuq, il-punt 24 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

20 Reċentement fis-sentenza tas-26 ta’ Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 45 sa 51).

21 Kif stabbilit iktar ’il fuq fil-punt 22 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

22 Sentenza tal-5 ta’ Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punti 30 sa 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara iktar ’il fuq, il-punti 19 sa 21 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

### 2. *Il-Kawża C-547/19*

#### *a) In-nuqqas ta' kompetenza tal-Unjoni*

61. L-Ispettorat Ġudizzjarju jsostni li d-domanda preliminari fil-Kawża C-547/19 hija inammissibbli [24]. Fil-fehma tiegħu, l-Artikolu 2 TUE ma għandux jiġi interpretat li jfisser li l-Unjoni għandha kompetenzi fl-oqsma koperti minn din id-dispożizzjoni. Wara li fakkret li l-Karta u l-Artikolu 19(1) TUE għandhom kampijiet ta' applikazzjoni differenti, din il-parti kkonċernata sostniet li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din l-aħħar dispożizzjoni hija relatata ma' "oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni", irrispettivament minn jekk l-Istati Membri humiex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Karta hija possibbli biss fejn l-Istati Membri jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, li ma huwiex il-każ fil-proċeduri prinċipali.

62. L-ewwel nett, kif għadni kemm innotajt fir-rigward tal-Kawża C-357/19, l-argument imqajjem iktar 'il fuq huwa relatat iktar mal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja milli mal-ammissibbiltà tal-kawża [25].

63. It-tieni nett, madankollu, dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni, b'differenza mill-Kawża C-357/19, il-Kawża C-547/19 ma hijiex marbuta mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, għaldaqstant, mal-Artikolu 325 TFUE. Hija tikkonċerna element li primarjament ma huwiex irregolat mid-dritt tal-Unjoni (regoli nazzjonali dwar il-kompożizzjoni ta' kulleġġi f'qorti suprema) f'tilwima fil-proċeduri prinċipali li taqa', skont l-interpretazzjoni konvenzjonali tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (appell minn sanzjoni dixxiplinari imposta fuq imħallef li wasslet għat-tneħħija mill-kariga).

64. Madankollu, il-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa applikabbli meta organu nazzjonali *jista'* jiddeċiedi, bħala qorti, fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [26]. F'din il-kawża, ma hemmx dubju li l-QGħKĠ, inkluż il-kulleġġ tagħha Civil 3 [27], li huwa l-organu ġudizzjarju li l-indipendenza tiegħu tista' possibbilment tiġi affettwata permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni f'din il-kawża, hija organu ġudizzjarju li, fl-attività ġudizzjarja tagħha f'kawżi oħra, hija qorti li *tista'* tintalab tiddeċiedi fuq kwistjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, u għalhekk tissodisfa dan ir-rekwiżit.

65. Fid-dawl ta' din il-linja ta' ġurisprudenza, għandi nikkonkludi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domanda magħmula fil-Kawża C-547/19. Diġà esprimejt dubji dwar jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE fil-fatt għandux jiġi kkunsidrat b'mod tant bla limiti [28]. Madankollu, anki li kieku kien każ limitat, nissuspetta li din ma hijiex kawża tajba sabiex jiġu esplorati l-limiti ta' din id-dispożizzjoni, għal raġuni pjuttost sempliċi u prammatika: l-ewwel domanda magħmula fil-kawża parallela, il-Kawża C-357/19, li tistaqsi essenzjalment dwar l-istess kwistjoni, hija, almenu fil-fehma tiegħi, fi kwalunkwe każ ammissibbli u taqa' fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

24 Il-Gvern Rumen sostna fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu li d-domanda preliminari f'din il-kawża kienet ukoll inammissibbli. Madankollu, dan il-gvern biddel il-fehma tiegħu fir-risposta għad-domandi bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

25 Ara iktar 'il fuq, il-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 Ara iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 Ara iktar 'il fuq, il-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 Għal iżjed dettall, ara l-punti 204 sa 224 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR.

### *b) Ir-rilevanza tad-domanda preliminari għall-proċeduri prinċipali*

66. Fl-interess tal-kompletezza, inżid li d-domanda preliminari magħmula fil-Kawża C-547/19 tosserva r-rekwiżit ta' "ħtieġa" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE[29]. Għar-raġunijiet indikati iktar 'il fuq, wieħed jista' jkollu dubji dwar jekk kawża bħal din għandhiex xorta taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni (materjali) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. Ma hemm, madankollu, l-ebda dubju li deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi applikata direttament fil-proċeduri prinċipali, u għalhekk tkun rilevanti u neċessarja għal dawn il-proċeduri.

67. Fil-fatt, id-domanda preliminari fil-Kawża C-547/19 tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-ġudizzju ta' eċċezzjoni ta' illegalità li tikkonċerna l-kompożizzjoni ta' kulleġġ ġudikanti, attwalment pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Skont il-mod kif il-qorti tar-rinviju tittratta din l-eċċezzjoni, wara li tirċievi gwida mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija possibbli konklużjoni differenti ħafna fil-proċeduri tal-kawża prinċipali. L-interpretazzjoni mitluba mill-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk "meħtieġa" għall-għanijiet tal-Artikolu 267 TFUE.

## B. Id-dritt tal-Unjoni applikabbli

68. Permezz tad-domandi preliminari differenti fiż-żewġ kawżi magħquda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-QGħKĠ qiegħda tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE, il-Konvenzjoni PIF, l-Artikolu 47 tal-Karta, u l-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE, kif ukoll il-prinċipju tas-supremazija, u jekk dawn id-dispożizzjonijiet u prinċipji jipprekludux l-adozzjoni jew l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

69. Fil-fehma tiegħi, hemm strument pjuttost kruċjali fir-rigward tal-każ speċifiku tar-Rumanija li ma ġiex invokat mill-qorti tar-rinviju f'dawn il-proċeduri, iżda li jifforma l-bażi tad-domandi preliminari preċedenti (kif ukoll paralleli)[30]: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta'mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni MKV")[31].

70. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit liema dispożizzjonijiet tal-Unjoni huma rilevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri.

### *1. L-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE*

71. Kif spjegajt fid-dettall fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR[32], it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kif applikat sa issa mill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa potenzjalment mingħajr limiti. Huwa jobbliga lill-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Huwa japplika irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jimplimentawx id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta[33].

29 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 48 sa 51).

30 Ara l-punti 120 sa 182 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR. Id-Deċiżjoni MKV hija, madankollu, espressament indirizzata mid-domandi msemmija fil-Kawża C-379/19, li nittratta f'konklużjonijiet separati mogħtija llum.

31 ĠU 2007, L 142M, p. 825.

32 Ara l-punti 204 sa 211 ta' dawk il-konklużjonijiet.

33 Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 29); tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 50); tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 82); jew tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 33).

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa applikabbli meta organu nazzjonali *jista'* tiddeċiedi, bħala qorti, dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [34].

72. Dan l-approċċ iwassal għal kamp ta' applikazzjoni wiesa' ħafna tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE mhux biss *istituzzjonalment*, iżda wkoll *sostantivament*. Il-kamp ta' applikazzjoni sostantiv tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE ikopri kwalunkwe regoli u prattiki nazzjonali li jistgħu jiksru l-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu rimedji effettivi, inklużi l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dawn is-sistemi ġudizzjarji, mingħajr ma jkun hemm xi tip ta' regola *de minimis*. Il-konfini veri tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jirriżultaw biss, almenu għalissa, minn kunsiderazzjonijiet marbuta mal-ammissibbiltà tal-kawża [35].

73. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, malli jiġi ssodisfatt il-livell ta' ammissibbiltà [36], it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jkun applikabbli f'dawn iż-żewġ kawżi. Sostantivament, iż-żewġ kawżi attwalment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja huma kkonċernati bl-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE fir-rigward tal-implikazzjonijiet ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u l-osservanza tagħha tar-rekwiżiti tal-prinċipju tal-Unjoni ta' indipendenza ġudizzjarja. Minn perspettiva istituzzjonali, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżultaw minn qorti suprema, il-QGħKĠ, li tista' fil-fatt tintalab tiddeċiedi, fil-kapaċità ġurisdizzjonali tagħha, fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

74. Fir-rigward tar-riferimenti għall-Artikolu 2 TUE fl-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19 u fid-domanda fil-Kawża C-547/19, bħal fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR [37], ma nara l-ebda raġuni għalfejn inwettaq analiżi separata ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat. L-Istat tad-dritt, bħala wieħed mill-valuri li fuqhom hija fondata l-Unjoni, huwa ssalvagwardat permezz tal-garanzija tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li min-naħa tagħhom għandhom bħala wieħed mill-komponenti inerenti essenzjali tagħhom il-prinċipju tal-indipendenza tal-qrati [38]. L-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jagħtu għaldaqstant espressjoni iktar preċiża lil din id-dimensjoni tal-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE [39].

34 Sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 51); tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 83); jew tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 34). Enfasi miżjuda minni.

35 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 45), u digriet tat-2 ta' Lulju 2020, S.A.D.Maler und Anstreicher (C-256/19, EU:C:2020:523, punt 43).

36 Ara iktar 'il fuq, il-punti 52 sa 60, kif ukoll il-punti 66 sa 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Ara l-punt 225 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 120).

39 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 167).

## *2. Id-Deċiżjoni MKV (u l-Karta)*

75. B'differenza mill-kawżi li kienu s-suġġett tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR u fil-kawża Statul Român – Ministerul Finanțelor Publice, iż-żewġ deċiżjonijiet tar-rinviju fil-kawżi preżenti ma jqajmux domandi speċifiċi fir-rigward tad-Deċiżjoni MKV[40]. Bil-maqlub, id-Deċiżjoni MKV hija invokata għal darba oħra fid-domandi magħmula fil-kawża parallela, il-Kawża C-379/19, li fiha jiena nagħti konklużjonijiet separati mogħtija llum.

76. Għandu jitfakkar fl-ewwel lok li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li domanda fformulata mill-qorti tar-rinviju tinvoka biss ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli, irrispettivament minn jekk hija għamlitx riferiment għalihom fit-test tad-domandi tagħha jew le. Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-kumpless tal-elementi pprovduti mill-qorti nazzjonali l-punti ta' dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża[41].

77. B'risposta għad-domandi għal tweġiba bil-miktub magħmula lill-partijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel appellanti fil-Kawża C-357/19 issostni li d-Deċiżjoni MKV ma tikkonċernax kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni jew mas-sorveljanza tal-Istat tad-dritt, l-indipendenza ġudizzjarja, jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Iktar minn hekk, din id-deċiżjoni ma hijiex applikabbli għall-Qorti Kostituzzjonali. L-ewwel u t-tieni appellanti fil-Kawża C-357/19 isostnu li din il-kawża ma hijiex relatata mal-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

78. Bil-maqlub, il-Kummissjoni, il-Gvern Rumen, il-Prosekutur u l-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin jargumentaw, essenzjalment, li d-Deċiżjoni MKV, bit-teħid inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-punti ta' riferiment 1 u 3 tal-anness tagħha, hija applikabbli fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma f'dawn il-kawżi relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-Istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura. Dan irrispettivament minn rabta partikolari mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-appellanti fil-Kawża C-547/19 tikkunsidra wkoll li d-Deċiżjoni MKV hija applikabbli għall-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dawn il-partijiet interessati nnotaw li r-Rapport MKV tal-Kummissjoni tal-2019[42], minkejja li, kif indikat mill-Kummissjoni, ma jinkludix rakkomandazzjonijiet speċifiċi, madankollu jqajjem tħassib dwar l-impatt tal-proċeduri mibdija mill-Gvern Rumen quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-kisba tal-għanijiet stabbiliti fil-punti ta' riferiment Nru 1 u Nru 3 tal-Anness tad-Deċiżjoni MKV.

79. Fil-fehma tiegħi, b'mod simili għal dak li ssuġġerejt fil-konklużjonijiet fil-kawża AFJR[43], id-Deċiżjoni MKV (u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta li l-applikabbiltà tagħhom ġiet skattata permezz ta' din id-deċiżjoni) għandhom ikunu l-kejl primarju għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri suġġetti għas-sistema speċifika tad-Deċiżjoni MKV. L-istess raġunijiet huma applikabbli wkoll f'dawn il-kawżi. Il-fatt li d-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-547/19 ma tagħmilx riferiment għad-Deċiżjoni MKV ftit għandu rilevanza.

40 Id-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-357/19 madankollu tirreferi għad-Deċiżjoni MKV billi tindika li d-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali kienet ġiet eżaminata fir-Rapport MKV tal-Kummissjoni tal-2018 bħala waħda mill-azzjonijiet b'implikazzjonijiet ċari għall-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja (SWD(2018) 551 final, p. 5 tal-verżjoni Rumena).

41 Reċentement, pereżempju, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, X u X (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punt 39 u l-ġurisprudenza msemmija).

42 Rapport tat-22 ta' Ottubru 2019, KUMM (2019) 499 final, pp. 8 u 15 tal-verżjoni Ingliża (ir-Rapport MKV tal-2019).

43 Ara l-punti 214 sa 224 tal-konklużjonijiet fil-kawża AFJR.

80. Hemm żewġ punti addizzjonali li jixraq li jiġu nnotati fil-kuntest ta' dawn il-kawżi. L-ewwel nett, il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-punti ta' riferiment inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni MKV jista' fil-fatt jakkomoda dawn il-kawżi. Jista' jitfakkar li l-Anness tad-Deċiżjoni MKV jinkludi l-"[p]unti ta' riferiment li għandhom jiġu indirizzati mir-Rumanija, imsemmija f'Artikolu 1". L-ewwel, it-tielet u r-raba' punti ta' riferiment stabbiliti hemm huma, rispettivament sabiex "[jiżguraw] proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi jiġu mtejba l-kapaċità u l-kontabilità [taċ-CSM]. [...]"; "[jibnu] fuq il-progress li diġà sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli" u sabiex "[jittieħdu] aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan il-gvern lokali".

81. Iż-żewġ Kawżi C-357/19 u C-547/19 huma kkonċernati bl-effetti potenzjali tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-effiċjenza tal-proċess ġudizzjarju (indiċi ta' riferiment 1). Iktar minn hekk, il-Kawża C-357/19 hija kkonċernata bl-impatt ta' din id-deċiżjoni kostituzzjonali fil-konfront tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, koperta bil-punti ta' riferiment 3 u 4 tad-Deċiżjoni MKV. Hemm għalhekk rabta materjali ċara bejn l-għan ta' dawn il-kawżi u d-Deċiżjoni MKV: id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni għandha riperkussjonijiet fuq l-effiċjenza tal-proċess ġudizzjarju b'mod ġenerali (peress li tintroduċi l-possibbiltà li jerġgħu jiġu eżaminati kawżi magħluqa) u, b'mod iktar speċifiku, fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (sa fejn l-effetti ta' din id-deċiżjoni kostituzzjonali jiġu applikati wkoll fil-prattika għal kawżi ta' korruzzjoni, bħal fil-Kawża C-357/19) [44].

82. Min-naħa l-oħra, għandu importanza, mill-perspettiva tal-kamp ta' applikazzjoni (materjali jew istituzzjonali) tad-Deċiżjoni MKV, il-fatt li r-regoli inkwistjoni ma humiex il-prodott ta' implimentazzjoni leġiżlattiva nazzjonali speċifika tal-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni MKV, iżda huma inklużi f'sentenza tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali?

83. Il-Kummissjoni, il-Gvern Rumen u l-Prosekutur innotaw fir-risposti tagħhom għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-fatt li dawn il-kawżi jikkonċernaw deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u mhux atti adottati mil-leġiżlatur jew mill-eżekuttiv, huwa irrilevanti.

84. Naqbel bis-sħiħ ma' dan. In-natura sistemika u l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-qorti kostituzzjonali, li huma ta' applikazzjoni ġenerali u li jistgħu jibdlu sostanzjalment l-ambjent leġiżlattiv, jagħmlu dawn id-deċiżjonijiet indistingwibbli, mill-perspettiva tal-effetti tagħhom, mill-azzjonijiet tal-leġiżlatur jew ta' atturi oħra b'setgħat regolatorji.

85. Finalment, il-fatt li d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni f'dawn il-konklużjonijiet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni MKV ifisser li, għar-raġunijiet spjegati fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR [45], għandu jitqies, fl-istess ħin, bħala istanza tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni MKV, u għalhekk tad-dritt tal-Unjoni, għall-għanijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għaldaqstant, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jsir applikabbli bħala l-kejl. Il-funzjoni tiegħu ma hijiex neċessarjament bħala s-sors ta' xi drittijiet

[44] Din ir-rabta bejn il-punti ta' riferiment tal-MKV u d-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali ġiet innotata wkoll, kif sostnew il-Prosekutur u l-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin, mir-Rapport MKV tal-Kummissjoni tal-2019, li jirreferi espressament għad-deċiżjoni kostituzzjonali inkwistjoni f'dawn il-kawżi, billi jindika li "[ħolqot] inċertezza kbira" u jiddikjara li "d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom impatt dirett fuq il-kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli li jinsabu għaddejjin, peress li jinvolvu dewmien u bidu mill-ġdid ta' proċessi, u ppermettew il-ftuħ mill-ġdid ta' diversi kawżi finali, taħt ċerti kundizzjonijiet" u li "[d]an l-effett sekondarju ċar fuq il-proċess tal-ġustizzja qajjem ukoll dubji usa' dwar is-sostenibbiltà tal-progress li sar s'issa mir-Rumanija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni [...]" Rapport MKV tal-2019, pp. 14 u 15. Ara wkoll ir-Rapport MKV tal-2019, SWD(2019) 393 final, pp. 21 u 22.

[45] Ara l-punti 190 sa 194 ta' dawk il-konklużjonijiet.

suġġettivi ta' partijiet individwali, iżda pjuttost bħala l-kejl ġenerali tal-korrettezza tal-implimentazzjoni nazzjonali tal-obbligi tal-Unjoni[46]. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 47 tal-Karta huwa fil-fatt, għall-għanijiet ta' dawn il-kawżi, l-iktar dispożizzjoni rilevanti u konkreta sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qorti tar-rinviju b'risposta utli għad-domandi magħmula[47].

### *3. L-Artikolu 325(1) TFUE, il-Konvenzjoni PIF (u l-Karta)*

86. Skont l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra l-frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri li jservu ta' deterrent kif ukoll li jkunu tali li joffru protezzjoni effettiva fl-Istati Membri. L-applikabbiltà tal-Artikolu 325(1) TFUE tippreżupponi għaldaqstant l-eżistenza ta' frodi jew ta' kwalunkwe attivitajiet illegali oħra li jistgħu jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

87. Hemm xi reati identifikati fil-Kawża C-357/19 li x'aktarx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni?

88. Fil-fehma tiegħi, it-tweġiba hija iva. L-ewwel nett, l-Artikolu 325(1) TFUE huwa, fi kwalunkwe każ, applikabbli għal reati relatati mal-VAT (a). It-tieni nett, l-istess għandu japplika fir-rigward tar-reati relatati mal-korruzzjoni li tikkonċerna proġetti mħallsa mill-fondi tal-Unjoni (b). It-tielet nett, il-fatt li din il-kawża tikkonċerna sitwazzjoni fejn id-dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni eventwalment ma mmaterjalizzax ruħu huwa, għall-għanijiet tal-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE, irrilevanti (c). Il-fatt li wħud mill-appellanti ġew illiberati mir-reati speċifiċi relatati mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni huwa ugwalment irrilevanti (d).

#### *a) L-Artikolu 325(1) u l-VAT*

89. Kif innotat mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u mill-Prosekutur fir-risposta tiegħu għad-domandi għal tweġiba bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċeduri prinċipali fil-Kawża C-357/19 parzjalment jikkonċernaw kundanna imposta fuq it-tielet appellanti fir-rigward ta' frodi fiskali li kellha bħala riżultat telf fil-ġbir tal-VAT. Il-kundanni relatati mal-VAT huma suffiċjenti sabiex iġibu l-proċeduri preżenti taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 1(1)(b) tal-Konvenzjoni PIF, li jikkonċerna frodi fir-rigward tad-dħul. Għaldaqstant, hemm rabta diretta bejn il-ġbir tad-dħul tal-VAT u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni tar-riżorsi korrispondenti mill-VAT[48]. Iktar minn hekk, kif innotat mill-Kummissjoni u mill-Prosekutur, jidher li l-ammonti tal-VAT mhux miġbura fil-kawża inkwistjoni jaslu sal-livell ta' EUR 50 000 sabiex jikkwalifikaw bħala "frodi serja" skont l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF.

90. Dan iwassal għall-konklużjoni, suġġetta għall-verifiki mill-qorti nazzjonali, li kemm l-Artikolu 325(1) TFUE kif ukoll l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF huma applikabbli bħala kejl rilevanti fir-rigward tal-Kawża C-357/19, sa fejn hija kkonċernata l-kundanna relatata mal-VAT.

[46] Ara l-punti 198 sa 202 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR.

[47] Ara l-punti 214 sa 220 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR.

[48] Sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

### *b) L-Artikolu 325(1) TFUE, il-Konvenzjoni PIF, u korruzzjoni li tinvolvi fondi tal-Unjoni*

91. Fir-rigward tal-kundanni l-oħra għal korruzzjoni u abbuż tal-kariga[49], tqum il-kwistjoni dwar jekk dawn ir-reati relatati ma' kuntratti pubbliċi, fejn il-proġetti jew il-kuntratti inkwistjoni jistgħu almenu parzjalment jirċievu fondi tal-Unjoni, humiex ugwalment koperti mill-Artikolu 325(1) TFUE.

92. Il-Gvern Rumen, il-Prosekutur u l-Kummissjoni sostnew fir-risposti tagħhom għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja li din id-domanda għandha tiġi mwieġba fl-affermattiv.

93. Naqbel.

94. Il-ġurisprudenza aġġornata tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE kienet ikkonċernata l-iktar bl-aspett tal-"ġbir" ta' din id-dispożizzjoni, notevolment f'kawżi relatati mal-ġbir tal-VAT[50] u dazji doganali[51]. Madankollu, il-kunċett ta' "interessi finanzjarji" tal-Unjoni b'mod ċar jinkludi kemm id-dħul *u* l-infiq koperti mill-baġit tal-Unjoni[52]. Għaldaqstant, l-Artikolu 325(1) TFUE huwa applikabbli fir-rigward ta' aġir frawdolenti li jirriżulta fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Unjoni[53].

95. Dan huwa kompletament loġiku. Fil-fatt huwa pjuttost sens komuni li l-baġit u l-interessi finanzjarji ta' persuni ma jiġux affettwati biss minn dħul mitluf (il-flus li kienu dovuti ma daħlux), iżda wkoll bi nfiq mhux xieraq jew skorrett (il-flus li kien hemm sparixxew).

96. L-istess huwa kkonfermat ukoll mill-Konvenzjoni PIF[54], li toffri definizzjoni iktar preċiża tal-kunċett ta' frodi fil-konfront tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Artikolu 1(1)(a) tagħha jiddikjara li frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni tkopri, *fir-rigward tal-infiq*, kwalunkwe att jew ommissjoni relatat mal-"użu jew presentazzjoni ta' stqarrijiet jew dokumenti mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett il-misapproprjazzjoni jew iż-żamma mhux korretta ta' *fondi mill-bilanċ ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej* jew bilanċi mħaddma minn, jew f'isem, il-Komunitajiet Ewropej"; li "ma tkunx żvelata informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett"; u "l-*applikazzjoni ħażina ta' dawn il-fondi* għall-għanijiet barra dawk li għalihom ingħataw oriġinarjament"[55].

[49] Kif stabbilit iktar 'il fuq fil-punti 19 sa 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[50] Sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 26); tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555, punti 37 sa 40); tal-5 ta' April 2017, Orsi u Baldetti (C-217/15 u C-350/15, EU:C:2017:264, punt 16); tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punti 30 sa 31); tat-2 ta' Mejju 2018, Scialdone (C-574/15, EU:C:2018:295, punt 27); u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 25).

[51] Dwar rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, ara s-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, SGS Belgium *et* (C-367/09, EU:C:2010:648, punt 40 *et seq.*). Dwar l-irkupru ta' interessi għal vantaġġi indebiti fil-qasam tal-politika agrikola komuni, ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Pfeifer & Langen, (C-564/10, EU:C:2012:190, punt 52). Dwar il-ġbir ta' dazji doganali, ara s-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punti 50 sa 53).

[52] Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2003, Il-Kummissjoni vs BĊE (C-11/00, EU:C:2003:395, punt 89).

[53] Ara, għal eżempju reċenti, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, Úrad špeciálnej prokuratúry (C-603/19, EU:C:2020:774, punt 47 *et seq.*).

[54] Għall-għan tal-kompletezza, jista' jiġi miżjud li l-Konvenzjoni PIF jidher li hija applikabbli għall-Kawża C-357/19 *ratione temporis*. Il-fatti li rriżultaw fil-kundanni rilevanti pprecedew id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU 2017, L 198, p. 29), li, skont l-Artikolu 16 tagħha ssostitwixxiet il-Konvenzjoni PIF u l-Protokolli tagħha mis-6 ta' Lulju 2019. Bl-istess mod, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, mal-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, mal-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 u mat-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997 (ĠU 2008, L 9, p. 23), din il-konvenzjoni hija applikabbli għar-Rumanija.

[55] Enfasi miżjuda minni.

97. Sitwazzjoni li jista' jkollha bħala effett il-miżapproprjazzjoni, iż-żamma illegali jew l-applikazzjonijiet ħżiena ta' fondi tal-Unjoni, għaldaqstant taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 1(1)(a) tal-Konvenzjoni PIF.

98. Iktar minn hekk, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe verifiki pertinenti li għandhom isiru mill-qorti nazzjonali, infakkar li l-Protokoll tal-Konvenzjoni PIF ikopri wkoll atti ta' korruzzjoni [56]. L-Artikolu 2(1) ta' dak il-protokoll jiddefinixxi l-korruzzjoni passiva bħala "l-azzjoni ta' uffiċjal magħmula bi ħsieb, minnu nnifsu jew permezz ta' terza persuna, fejn jitlob, jirċievi jew jaċċetta ghaliħ jew għal ħaddiehor xi vantaġġ ta' kull tip, jew wegħda ta' xi vantaġġ, sabiex l-uffiċjal jagħmel jew jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel jew fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu u li għalhekk ikun qiegħed jikser id-dmirijiet uffiċjali tiegħu li jwasslu jew x'aktarx iwasslu għal danni versu l-interessi finanzjarji tal-[Unjoni] […]".

99. Kif indikat mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, ftit jista' jkun hemm dubju li, minkejja l-fatt li t-terminu "korruzzjoni" ma huwiex elenkat fl-Artikolu 325(1) TFUE, dan huwa kopert bir-riferiment għal "attivitajiet illegali oħra" f'dik id-dispożizzjoni. Fil-fatt, "attivitajiet illegali oħra" huwa terminu li jista' jinkludi kwalunkwe u kull aġir illegali mingħajr distinzjoni [57].

100. Għalhekk, il-kunċett ta' korruzzjoni ta' "attivitajiet illegali oħra" fis-sens tal-Artikolu 325(1) TFUE jista' jkopri korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi jew l-abbuż tal-kariga li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-miżapproprjazzjoni tal-fondi tal-Unjoni.

### *c) L-Artikolu 325(1) TFUE ikopri attentati wkoll?*

101. Fir-rigward tal-korruzzjoni u l-abbuż tal-kariga, mid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-357/19 jidher li l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 325(1) TFUE jkoprix sitwazzjoni fejn kien hemm *attentat* sabiex illegalment jinkisbu fondi tal-Unjoni, li madankollu jkun falla. L-ewwel appellanti u l-Prosekutur spjegaw, fir-risposti tagħhom għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ewwel appellanti kienet ġiet akkużata b'attentat li tikseb fondi tal-Unjoni indebitament.

102. Il-qorti tar-rinviju tispjega li huwa f'dan il-kuntest li hija tixtieq tkun taf jekk il-frażi "u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni" fl-Artikolu 325(1) TFUE tkoprix atti ta' korruzzjoni jew frodi mwettqa f'kuntratti pubbliċi, fejn l-*għan imfittex* kien li jinkiseb ir-rimbors tas-somom allokati b'mod frawdolenti minn fondi tal-Unjoni, anki jekk dawn il-fondi eventwalment ma ġewx iffrodati.

103. Fil-fehma tiegħi, il-frażi "attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni" fl-Artikolu 325(1) TFUE *tista'* tkopri mhux biss atti (konklużi) ta' korruzzjoni u frodi mwettqa f'kuntratti pubbliċi, iżda wkoll attentati ta' konklużjoni tal-istess atti, sakemm naturalment jintlaħaq il-livell tal-"attentat" u jiġi ppenalizzat fid-dritt nazzjonali.

104. Lil hinn minn din id-dikjarazzjoni ġenerali, ma naħsibx li huwa r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkummenta bi kwalunkwe mod dwar iċ-ċirkustanzi fattwali li jinsabu fil-proċeduri prinċipali, u lanqas li tidħol f'analiżi tal-istadji varji ta' atti kriminali. Naturalment, *għanijiet*, intenzjonijiet jew

56 Ara l-Artikolu 2 tal-Att tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 1996 li jfassal l-Protokoll dwar l-Konvenzjoni fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 19).

57 Sentenza tat-2 ta' Mejju 2018, Scialdone (C-574/15, EU:C:2018:295, punt 45). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi f'din il-kawża (EU:C:2017:553, punti 68 u 69).

xewqat (*forum internum*) ma humiex punibbli. Malli jaqsmu l-linja lejn azzjoni esterna u jsiru *attentati*, dawn isiru punibbli, sakemm naturalment ikun hemm l-evidenza xierqa. Normalment, attentati ta' reat partikolari, jekk punibbli, jaqgħu taħt l-istess titolu tal-att konkluż stess.

105. Ma nara għaldaqstant l-ebda raġuni għalfejn l-attentat ta' reat ta' korruzzjoni kontra l-interessi protetti taħt l-Artikolu 325(1) TFUE għandu jiġi ttrattat jew anki kklassifikat, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, b'mod differenti minn reat ta' korruzzjoni konkluż tal-istess tip. Il-fatt li l-awtur finalment ma rnexxilux fl-għan tiegħu jew tagħha u ma rnexxilux jikseb il-fondi jista' naturalment ikun rilevanti għall-fatt li hu jew hi jkun qiegħed jiġi akkużat b'attentat (u mhux b'att konkluż), iżda ma għandu l-ebda rilevanza fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "attivitajiet illegali oħra" fis-sens tal-Artikolu 325(1) TFUE. Iktar minn hekk, hemm tliet punti addizzjonali li jixirqilhom li jissemmew.

106. L-ewwel nett, il-formulazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE ma teħtieġx espressament il-materjalizzazzjoni ta' xi (ammont ta') dannu speċifiku. Kif innotat tajjeb il-Kummissjoni, il-ġurisprudenza għamlitha ċara li anki irregolaritajiet li ma għandhom l-ebda impatt finanzjarju speċifiku jistgħu jkunu ta' preġudizzju serju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni [58].

107. It-tieni nett, hemm ukoll l-Artikolu 1(3) tal-Konvenzjoni PIF. Minn din id-dispożizzjoni, jirriżulta li l-Istati Membri huma taħt l-obbligu li jistabbilixxu bħala reat kriminali l-*preparazzjoni* ta' reati bħall-għoti ta' dikjarazzjonijiet skorretti bl-effett li jiġu miżappropriati fondi tal-Unjoni, jekk dan l-aġir ma jkunx diġà punibbli mod ieħor bħala reat prinċipali jew aċċessorju (bħal attentat jew instigazzjoni) [59].

108. It-tielet nett, id-definizzjoni ta' korruzzjoni passiva fl-Artikolu 2(1) fil-Protokoll tal-Konvenzjoni PIF tinkludi l-atti ta' korruzzjoni meta dawn jitwettqu b'mod li jwassal għal danni jew li *x'aktarx iwassal għal danni* għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

### *d) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE huwa kundizzjonali fuq ir-riżultat tal-proċeduri?*

109. Iċ-ċirkustanzi partikolari tal-Kawża C-357/19 xorta jeħtieġu kjarifika oħra. Il-proċeduri prinċipali jikkonċernaw lil diversi persuni, li waħda minnhom biss ġiet *akkużata* b'reat relatat ma' fondi tal-Unjoni, iżda ġiet finalment *illiberata*. Dan il-fatt wassal sabiex l-ewwel u t-tieni appellanti kkontestaw l-applikabbiltà tal-Artikolu 325(1) TFUE f'din il-kawża. L-ewwel nett, l-ewwel appellanti essenzjalment issostni li peress li hija kienet finalment illiberata mill-akkużi relatati ma' dan ir-reat partikolari, din il-kawża ma għandhiex rabta mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. It-tieni nett, it-tieni appellant isostni li, l-effetti tal-appell straordinarju ppreżentat skont id-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali jwasslu għall-ftuħ mill-ġdid ta' sentenza ta' liberazzjoni li mill-bqija kienet finali. Għaldaqstant, dan il-ftuħ mill-ġdid jipprovdi opportunità ġdida sabiex jiġu eżaminati mill-ġdid dawk l-akkużi u jista' potenzjalment iwassal għal kundanna. Bħala konsegwenza, id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ma jistax ikollha effetti detrimentali fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. B'mod impliċitu, tista' anki tkun ta' benefiċċju għal dawn l-interessi peress li persuna li preċedentement ġiet illiberata tista' eventwalment tiġi kkundannata.

58 Ara s-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2005, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (C-199/03, EU:C:2005:548, punt 31), u tal-21 ta' Diċembru 2011, Chambre de commerce et d'industrie de l'Indre (C-465/10, EU:C:2011:867, punt 47).

59 Enfasi miżjuda minni.

110. Fil-fehma tiegħi, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

111. L-ewwel nett, u bħala nota preliminari, ma jistax jiġi eskluż li ż-żewġ reati l-oħra li ġiet imposta sentenza għalihom (korruzzjoni u abbuż tal-kariga) ma humiex tali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE ma jistax ikun limitat għall-eżekuzzjoni tar-reati introdotti fl-ordinament ġuridiku nazzjonali li jagħmel riferiment *espress* għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew anki għal fondi tal-Unjoni. Dan kieku jagħmel il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tad-dritt primarju tal-Unjoni dipendenti fuq id-definizzjoni nazzjonali ta' reati speċifiċi.

112. Għaldaqstant, kif il-Kummissjoni, il-Gvern Rumen u l-Prosekutur indikaw tajjeb, jekk l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ġewx affettwati jew le ma għandux jiddependi fuq id-definizzjoni ta' reat partikolari fid-dritt nazzjonali, iżda pjuttost għandu jiġi evalwat bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-qafas fattwali iktar wiesa' mqabbel mal-interessi protetti mill-Artikolu 325(1) TFUE. Fil-fatt, kif jinnota l-Gvern Rumen, l-interessi finanzjarji nazzjonali u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni sikwit ikunu marbuta. Huwa għaldaqstant pjuttost naturali li d-diviżjoni bejn reati ġenerali li jolqtu b'xi mod jew ieħor l-infiq pubbliku u dawk li speċifikament jikkonċernaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma tantx hija ċara fl-astratt.

113. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reat tal-(attentata) frodi ta' fondi tal-Unjoni, li bih ġiet akkużata l-ewwel appellanti, ninnota li l-"effett" fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandu naturalment jiġi evalwat b'mod oġġettiv. Għalhekk, ir-rabta mal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tiġi fis-seħħ fir-rigward tal-*elementi oġġettivi tal-akkużi* inkwistjoni.[60] Hija ma tirriżultax naturalment mill-*konklużjoni* ċirkustanzjali tal-kawża nnifisha.

114. Għalhekk, fi kliem sempliċi, jekk persuna tiġi akkużata b'reat li jista' jaqa' taħt "attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni" taħt l-Artikolu 325(1) TFUE jiddependi fuq l-elementi oġġettivi (kostituttivi) tar-reat li hu jew hi huma akkużati bih. Jekk din il-persuna tiġi eventwalment ikkundannata jew illiberata fir-rigward ta' dawn l-akkużi ma huwiex rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE[61].

115. Bħala rimarka konkludenti relatata mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE, ser infakkar li l-konstatazzjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 325(1) TFUE (jew tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, jew possibbilment anki tal-Artikolu 2(1) fil-Protokoll tal-Konvenzjoni PIF), għal darba oħra tiskatta l-applikabbiltà tal-Karta. Jekk is-sanzjonijiet u l-proċeduri kriminali li l-appellanti fil-proċeduri prinċipali kienu jew għadhom suġġetti għalihom jikkostitwixxu implimentazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE u tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, il-Karta hija applikabbli, skont l-Artikolu 51(1) tagħha[62].

60 Ara, pereżempju, fil-kawża Åkerberg Fransson, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala rilevanti l-element li s-sanzjonijiet u l-proċeduri kriminali li l-konvenut fil-proċeduri prinċipali "kien jew għadu suġġett għalihom" kienu l-implimentazzjoni tal-Artikolu 325 TFUE. Sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 27).

61 Li kieku kien mod ieħor, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE mhux biss ikun dipendenti fuq il-konklużjoni tal-proċeduri kriminali, iżda jkun ukoll, b'mod pjuttost interessanti, differenti fil-bidu u fit-tmiem tal-proċeduri tal-qorti.

62 Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 27).

### *4. Konklużjoni provviżorja*

116. B'riżultat tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidher li d-Deċiżjoni MKV, flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, jikkostitwixxu dispożizzjonijiet rilevanti għaż-żewġ Kawżi C-357/19 u C-547/19. Iktar minn hekk, fil-kuntest tal-Kawża C-357/19, u suġġett għall-verifiki tal-qorti nazzjonali, l-Artikolu 325(1) TFUE, kif ukoll il-Konvenzjoni PIF u l-Protokoll tagħha, jidhru li huma ugwalment applikabbli.

117. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tal-Karta u l-Artikolu 2 TUE huma, fil-prinċipju, ugwalment applikabbli għaż-żewġ kawżi. Madankollu, infakkar li, minħabba l-qafas ġuridiku speċifiku previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta fir-rigward tal-istandards relatati mal-indipendenza tal-ġudikatura, din id-dispożizzjoni diġà toffri kejl solidu għat-twettiq tal-analiżi neċessarja f'dawn il-kawżi.

## C. Evalwazzjoni

118. Sabiex jiġu indirizzati l-merti tad-domandi preliminari f'dawn il-kawżi, ser nibda billi nistabbilixxi fil-qosor il-kuntest ġuridiku nazzjonali (1). It-tieni nett, ser nindirizza t-tieni domanda fil-Kawża C-357/19, ikkonċernata bl-interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta (2). It-tielet nett, ser indur għall-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19, relatata mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE u tal-Konvenzjoni PIF (3), imbagħad nimxi għall-istess kwistjonijiet meta mqabbla mal-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja, invokat fl-aħħar tad-domanda fil-Kawża C-547/19 (4). Finalment, ser nispiċċa bis-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, b'risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-357/19, imqiegħda fil-kuntest partikolari mqajjem fid-deċiżjoni tar-rinviju, li fih it-twarrib minn imħallef nazzjonali ta' deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali jikkostitwixxi ksur dixxiplinari (5).

119. Fl-istrutturar tar-risposti li għandhom jiġu pprovduti lill-qorti tar-rinviju, jiena intenzjonalment nippreferi nittratta s-sustanza proprja u nimxi 'l quddiem wara biss, sa fejn ikun għad hemm bżonn, għal kwalunkwe kwistjonijiet istituzzjonali iktar wiesgħa mqajma mill-qorti tar-rinviju. Nirrikonoxxi li dan l-approċċ ma jirriflettix l-ordni u lanqas il-formulazzjoni preċiża tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, huwa fil-fehma tiegħi l-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-funzjoni tagħha ma hijiex li tiġġudika fuq kunflitti interistituzzjonali fi Stat Membru, u wisq inqas li tagħti daqqa ta' id f'kontestazzjonijiet istituzzjonali lill-awtorità ta' atturi nazzjonali oħra, tista' tittratta l-kwistjonijiet imqajma mill-qorti tar-rinviju.

### *1. Il-kuntest ġuridiku nazzjonali*

120. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-547/19, il-kulleġġi ta' ħames imħallfin ġew introdotti għall-ewwel darba fid-dritt nazzjonali permezz tal-Liġi Nru 202/2010[63], li emendat l-Artikoli 32 u 33 tal-Liġi Nru 304/2004. Dawn il-kulleġġi, li jisimgħu kwistjonijiet kriminali u mhux kriminali, ġew organizzati separatament mill-Awli tal-QGħKĠ. Dawn wettqu r-rwol ta' qorti ta' reviżjoni (kulleġġi tal-appell) fi ħdan il-QGħKĠ.

[63] Legea nr. 202/2010 privind unele măsuri pentru accelerarea soluționării proceselor (il-Liġi Nru 202/2010 li Tipprevedi Miżuri għall-Aċċellerazzjoni tal-Ġudizzju tal-Proċeduri) Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 714 of tas-26 ta' Ottubru 2010.

121. Inizjalment, il-membri ta' dawn il-kulleġġi (tal-appell) kienu magħżula mill-President tal-QGħKĠ fil-bidu ta' kull sena. Il-kulleġġi kienu ppresjeduti mill-President tal-QGħKĠ, mill-Viċi Presidenti jew mill-president ta' awla. L-erba' membri l-oħra tal-kulleġġ (dawk apparti l-president) kienu magħżula billi ttellgħu bix-xorti skont id-Deċiżjoni 24/2010 li tikkomplementa r-Regolament tal-QGħKĠ.

122. Il-Liġi Nru 255/2013[64] sussegwentement emendat l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja, billi stabbilixxiet ir-regola dwar it-tlugħ bix-xorti għall-membri tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin. Il-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-547/19 tispjega li l-fatt li dawn l-emendi ġew introdotti permezz ta' att regolatorju fil-qasam tal-proċedura kriminali, kif ukoll il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, ħolqu diffikultajiet interpretattivi. Dan l-iktar minħabba li kien hemm differenzi bejn il-kariga mogħtija mill-Artikolu 32(5) tal-Liġi Nru 304/2004 lill-President u lill-Viċi Presidenti tal-QGħKĠ, li għandhom jippresjedu l-kulleġġ ta' ħames imħallfin "fejn jifforma parti mill-kulleġġ, skont il-punt 4 [tal-Artikolu 32]" u l-kariga tal-"president tal-Awla Kriminali jew mill-ixjeħ membru", li fir-rigward tagħhom l-istess dispożizzjoni tistabbilixxi li għandhom jippresjedu l-kulleġġ, mingħajr ma tagħmel xi riferiment għall-Artikolu 32(4) ta' din il-liġi. Iktar minn hekk, l-Artikolu 33(1) tal-Liġi Nru 304/2004, li jipprevedi li l-"President [tal-QGħKĠ] jew, fl-assenza tiegħu, il-Viċi Presidenti, għandu jippresjedi l-Awli Magħquda, […] il-kulleġġ ta' ħames imħallfin, u kwalunkwe kulleġġ fi ħdan l-awli, fejn huwa jipparteċipa fil-proċeduri", tħalla kif inhu.

123. Jidher li kien f'dan il-kuntest li l-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ adotta d-Deċiżjoni Nru 3 tat-28 ta' Jannar 2014 li temenda u tissupplimenta r-Regolament tal-QGħKĠ. Din id-deċiżjoni ddikjarat li l-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom ikunu ppresjeduti, kif xieraq, mill-President, mill-Viċi Presidenti, mill-president tal-Awla Kriminali jew mill-ixjeħ membru, u t-tlugħ bix-xorti, fil-każ ta' dawn il-kulleġġi, għandu *jikkonċerna biss lill-erba' membri l-oħra*.

124. Il-Liġi Nru 207/2018[65], li mbagħad emendat l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004, żammet ir-regola li skontha l-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ japprova n-numru u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin fil-bidu ta' kull sena. Din l-emenda neħħiet l-impreċiżjonijiet preċedenti billi pprovdiet li t-tlugħ bix-xorti *jikkonċerna l-membri kollha* ta' kulleġġ ta' ħames imħallfin.

125. Wara din l-aħħar emenda, il-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ adotta d-Deċiżjoni Nru 89/2018 fl-4 ta' Settembru 2018, u ddikjara li wara li eżamina "d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 […], dwar l-attività tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin, huwa jikkonstata, b'maġġoranza, li d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi l-ġdida jikkostitwixxu regoli dwar organizzazzjoni li huma intiżi għall-formazzjonijiet tal-qorti b'regolamenti speċifiċi, stabbiliti 'fil-bidu ta' kull sena' u, fl-assenza ta' regoli tranżitorji, isiru applikabbli mill-1 ta' Jannar 2019".

126. Kien f'dan il-kuntest li l-Qorti Kostituzzjonali, adita mill-Prim Ministru tal-Gvern tar-Rumanija fit-2 ta' Ottubru 2018, adottat id-Deċiżjoni Nru 685/2018.

[64] Legea nr. 255/2013 pentru punerea în aplicare a Legii nr. 135/2010 privind Codul de procedură penală și pentru modificarea și completarea unor acte normative care cuprind dispoziții procesual penale (il-Liġi Nru 255/2013 li Timplimenta l-Liġi Nru 135/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali u li Temenda u Tlesti Ċerti Atti Regolatorji li Jadottaw Dispożizzjonijiet Relatati mal-Proċedura Kriminali), Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 515 tal-14 ta' Awwissu 2013.

[65] Legea nr. 207/2018, pentru modificarea și completarea Legii nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 207/2018, li Temenda l-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja) Monitorul Oficial al României, parti I, Nru 636 tal-20 ta' Lulju 2018.

127. Id-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-QGħKĠ, permezz tad-Deċiżjonijiet Nru 3/2014 u Nru 89/2018 tal-Kunsill Governattiv tagħha, emendat permezz ta' att amministrattiv liġi adottata mill-Parlament [66]. Il-Qorti Kostituzzjonali mbagħad analizzat il-konsegwenzi ta' din is-sitwazzjoni mill-perspettiva tad-dritt għal smigħ xieraq, stabbilit fl-Artikolu 21(3) tal-Kostituzzjoni Rumena. Hija kkonstatat li din id-dispożizzjoni kostituzzjonali ġiet miksura minħabba n-nuqqas sussegwenti ta' indipendenza u imparzjalità oġġettiva, li rriżulta bl-istess mod fi ksur tal-garanzija ta' qorti stabbilita minn liġi [67].

128. Il-Qorti Kostituzzjonali nnotat li l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 huwa garanzija tal-imparzjalità oġġettiva ta' qorti, bħala komponent tad-dritt għal smigħ xieraq. Din il-garanzija tinkludi kemm l-attribuzzjoni każwali tal-kawżi u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti billi jittellgħu bix-xorti [68]. Hija ddikjarat ukoll li l-kompożizzjoni każwali tal-kulleġġi ġudikanti kienet intiża li tevita sitwazzjoni fejn l-imħallfin tal-ewwel grad tal-QGħKĠ li jkunu membri ta' dawn il-kulleġġi "bi dritt" isiru l-president ta' tali kulleġġi [69]. Bl-invokazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") [70], il-Qorti Kostituzzjonali kkonstatat li l-interpretazzjoni li kienet ingħatat mill-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ tal-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 permezz tal-atti amministrattivi tagħha kienet tali li toħloq pressjoni latenti fuq il-membri l-oħra tal-kulleġġ. Din għamlet lill-imħallfin suġġetti għas-superjuri ġudizzjarji tagħhom jew, mill-inqas, kellha l-potenzjal li tirriżulta f'nuqqas ta' ħeġġa tal-imħallfin li jikkontradixxuhom [71]. Iktar minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali nnotat ukoll, billi għamlet riferiment għal darba oħra għall-ġurisprudenza tal-Qorti EDB [72], li l-QGħKĠ ma kinitx komposta skont il-liġi fil-mument rilevanti, peress li l-kulleġġi ta' ħames imħallfin kienu ġew maħtura permezz ta' mekkaniżmu li evita d-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli [73].

129. Finalment, id-Deċiżjoni Nru 685/2018 ikkonkludiet, *inter alia*, li "fid-dawl tal-aġir illegali, f'termini kostituzzjonali, tal-[QGħKĠ], permezz tal-Kunsill Governattiv, li ma joffrix garanziji dwar ir-restawr xieraq tal-qafas legali għall-funzjonament tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin, hija l-Awla għall-imħallfin taċ-[CSM], fuq il-bażi tal-prerogattivi kostituzzjonali u legali tagħha […] li għandha tidentifika s-soluzzjonijiet, fuq il-livell ta' prinċipju, rigward il-kompożizzjoni statutorja tal-kulleġġi li jisimgħu l-kawżi u sabiex tiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn is-soluzzjonijiet".

130. Wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, iċ-CSM adottat id-Deċiżjonijiet Nru 1367/2018 u Nru 1535/2018. Skont dawn id-deċiżjonijiet, il-QGħKĠ tellgħet ix-xorti għall-kulleġġi ġodda li jisimgħu l-kawżi għall-2018. L-attività ġudizzjarja ta' dawn il-kulleġġi kompliet ukoll fl-2019. Dan kien il-każ minkejja li l-ebda miżura ma kienet ġiet ordnata sat-tmiem tal-2018 fir-rigward tal-kawżi assenjati. Madankollu, il-ġurisprudenza eżistenti tal-QGħKĠ dak iż-żmien stabbilixxiet li, fejn kulleġġ li jisma' l-kawżi, fil-kompożizzjoni stabbilita għal sena, ma jkunx ordna xi miżura f'kawża partikolari sat-tmiem tas-sena, il-kompożizzjoni ta' dan il-kulleġġ kellha tinbidel. Il-kawża kellha tiġi allokata lill-imħallfin magħżula billi jittellgħu bix-xorti għas-sena kalendarja l-ġdida. Madankollu, dan l-approċċ ġie apparentement sostitwit mid-deċiżjonijiet taċ-CSM.

[66] Punt 175 tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

[67] Punt 193 tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

[68] Punt 188 tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

[69] Punt 188 tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

[70] B'mod partikolari, fil-Qorti EDB, 22 ta' Diċembru 2009, Parlov-Tkalčić vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2009:1222JUD002481006.

[71] Punt 189 tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

[72] Qorti EDB, 5 ta' Ottubru 2010 DMD GROUP a.s. vs Is-Slovakkja, CE:ECHR:2010:1005JUD001933403, punti 60 u 61.

[73] Punti 191 u 192 tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali.

131. L-iżviluppi nazzjonali ġuridiċi u fil-ġurisprudenza indikati iktar 'il fuq kellhom sensiela ta' konsegwenzi għaż-żewġ kawżi inkwistjoni. L-ewwel nett, fir-rigward tal-Kawża C-357/19, id-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali fetħet il-possibbiltà għall-partijiet sabiex jintroduċu appell straordinarju mis-sentenzi finali li diġà ngħataw mill-QGħKĠ. It-tieni nett, fir-rigward tal-Kawża C-547/19, l-istess deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, flimkien mad-deċiżjonijiet amministrattivi sussegwenti meħuda mit-taqsima tal-imħallfin taċ-CSM u mill-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ sabiex jimplimentawha, kellha konsegwenzi diretti fid-determinazzjoni tal-kulleġġ inkarigat mill-ġudizzju tal-kawża tal-appellanti.

132. Fil-qosor, minkejja li f'kuntesti sostantivi u proċedurali kemxejn differenti, il-kwistjoni prinċipali li tinsab fil-bażi taż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq il-kwistjoni dwar jekk id-Deċiżjoni Nru 685/2018, minħabba l-impatt tagħha fuq id-deċiżjonijiet finali tal-QGħKĠ u fuq il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi ħdan din il-ġurisdizzjoni, hijiex (in)kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

## *2. Id-dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi*

133. Permezz tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-357/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-konstatazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali, li hemm nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità ta' kulleġġ ġudikanti għaliex dan il-kulleġġ jinkludi mħallef responsabbli għall-amministrazzjoni ġudizzjarja li, b'differenza mill-erba' membri ta' dan il-kulleġġ, ma ġiex magħżul b'mod każwali. Din id-domanda tindika l-fatt li dan l-imħallef jinħatar fil-kulleġġ fuq il-bażi ta' regola trasparenti li hija magħrufa mill-partijiet, li ma ġietx ikkontestata minnhom, u li hija applikabbli b'mod ġenerali għall-kawżi kollha li diġà ġew indirizzati minn dan l-istess kulleġġ. Skont il-qorti tar-rinviju, il-prinċipji tal-indipendenza ġudizzjarja u ċ-ċertezza legali jipprekludu l-effetti vinkolanti tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali fuq sentenzi li kienu finali fil-punt tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, fl-assenza ta' raġunijiet serji li jiddubitaw id-dritt għal smigħ xieraq fil-kawżi kkonċernati.

134. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, inqis neċessarju, l-ewwel nett, li jiġi analizzat x'inhu l-istandard li jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta (a), sabiex sussegwentement jiġi evalwat jekk id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari, din id-dispożizzjoni, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni (b).

### *a) L-istandard tad-dritt tal-Unjoni*

135. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju jidher li tesprimi d-dubji tagħha biss fir-rigward tad-dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi. Dan jidher li jgħid, madankollu, biss parti waħda tal-istorja. Mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni jirriżulta li dak li jinsab inkwistjoni huwa l-interpretazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta mhux biss fir-rigward tad-dritt għal "qorti […] stabbilita minn qabel bil-liġi", iżda wkoll fir-rigward ta' elementi oħra tad-dritt għal smigħ xieraq, bħar-rekwiżiti tal-indipendenza u l-imparzjalità, b'mod partikolari fir-rigward tal-"indipendenza interna" tal-imħallfin[74].

[74] Sommarju iktar 'il fuq fil-punti 127 u 128 ta' dawn il-konklużjonijiet.

136. Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, l-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta għandha tiġi interpretata skont it-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(1) KEDB. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni ma jaqax taħt l-istandard tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti EDB[75].

137. L-ewwel nett, il-Qorti EDB iddikjarat li l-garanzija ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi tfittex li tiżgura li l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja ma tiddependix fuq id-diskrezzjoni tal-eżekuttiv[76]. Lanqas ma għandha tiddependi, fil-fatt, fuq dik tal-ġudikatura, anki jekk hemm naturalment ċertu lok għal awto-organizzazzjoni. Ir-regoli applikabbli għandhom jiġu previsti mid-dritt li joriġina mil-leġiżlatur[77]. Iktar minn hekk, l-espressjoni "stabbilita bil-liġi" tirrifletti l-prinċipji tal-Istat tad-dritt. Hija marbuta mill-viċin mar-rekwiżiti tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-ġudikatura[78].

138. It-terminu "stabbilita bil-liġi" jkopri mhux biss il-bażi ġuridika għall-eżistenza ta' qorti, iżda wkoll il-kompożizzjoni tal-kulleġġ ta' ġudikanti f'kull kawża[79], li hija l-kwistjoni f'din il-kawża.

139. Il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB taċċetta li r-regoli awtomatiċi għal dak li huwa preċiżament "qorti stabbilita bil-liġi" huma stabbiliti fid-dritt nazzjonali. Fil-prinċipju, ksur tad-dispożizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali jirriżulta fi ksur tal-Artikolu 6(1) KEDB[80]. L-analiżi tiffoka fuq jekk inkisritx "liġi" (inkluż leġiżlazzjoni u dispożizzjonijiet oħra li l-ksur tagħhom jagħmel il-parteċipazzjoni tal-imħallfin fil-ġudizzju ta' kawża irregolari)[81]. Pereżempju, fejn dritt nazzjonali jinkludi regoli relatati mal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ta' ġudikanti billi jittellgħu bix-xorti, dan jirrappreżenta wieħed mir-rekwiżiti ta' dritt nazzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni bħala wieħed mir-rekwiżiti ġuridiċi nazzjonali li għandhom jiġu osservati[82].

140. Hemm madankollu l-prinċipju ta' *sussidjarjetà*. Il-Qorti EDB irrikonoxxiet li, minħabba l-interessi inkwistjoni li huma importanti u li jibbilanċjaw lil xulxin (bħaċ-ċertezza legali u l-prinċipju tal-irremovabbiltà tal-imħallfin) u l-implikazzjonijiet potenzjali ta' konstatazzjoni ta' ksur, id-dritt għal qorti stabbilita bil-liġi skont l-Artikolu 6(1) KEDB ma għandux jiġi interpretat b'mod wisq espansiv[83]. Dan jimplika li *mhux kull ksur* ta' dritt domestiku jammonta għal ksur tal-Artikolu 6(1) KEDB: il-Qorti EDB ħolqot "eżami tal-limitu" sabiex tevalwa jekk

75 Ara, fir-rigward tal-element ta' "qorti […] stabbilita minn qabel bil-liġi", is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 72). Ara, għall-analiżi tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u Eżami mill-ġdid HG vs Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2019:977, punti 63 *et seq.*).

76 Dan ir-rekwiżit huwa iktar wiesa' mill-prinċipju ta' "qorti legali", li prinċipalment jiffoka fuq tliet kriterji għall-allokazzjoni tal-kawżi. Ara, għal distinzjoni simili, Rönnau, T. u Hoffmann, A. "Vertrauen ist gut, Kontrolle ist besser: Das Prinzip des gesetzlichen Richters am EuGH", *Zeitschrift für Internationale Strafrechtsdogmatik*, 7-8, 2018, pp. 233-248.

77 Qorti EDB, 2 ta' Mejju 2019, Pasquini vs San Marino (CE:ECHR:2010:0502JUD005095616, punt 100). Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418) sentenza tal-Awla Manja, punti 231 sa 234.

79 Qorti EDB, 4 ta' Mejju 2000, Buscarini vs San Marino (CE:ECHR:2000:0504DEC003165796, punt 2). Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, *Guðmundur Andri* Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, sentenza tal-Awla Manja, punt 216).

81 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, *Guðmundur Andri* Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, sentenza tal-Awla Manja, punt 226).

82 Qorti EDB, 4 ta' Marzu 2003, Posokhov vs Ir-Russja (CE:ECHR:2003:0304JUD006348600, punt 43); Qorti EDB 29 ta' April 2008, Barashkova vs Ir-Russja (CE:ECHR:2008:0429JUD002671603, punt 32).

83 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, *Guðmundur Andri* Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, sentenza tal-Awla Manja, punti 236 sa 241, fejn iddikjarat li mhux l-irregolaritajiet kollha fil-ħatriet ġuridiċi x'aktarx jikkompromettu dan id-dritt).

l-irregolaritajiet humiex ta' *tali gravità* li tinvolvi ksur tad-dritt għal qorti stabbilita bil-liġi, abbażi tal-karattru manifest tal-ksur (i); fuq l-impatt ta' ksur partikolari fuq l-għan ta' dan id-dritt biex tiġi evitata interferenza indebita fil-ġudikatura, li jippreżerva l-Istat tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri (ii); bit-teħid inkunsiderazzjoni wkoll tal-evalwazzjoni mwettqa mill-qrati nazzjonali dwar il-konsegwenzi ġuridiċi tal-ksur (iii) [84].

141. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jidhru li huma ta' natura simili għal dawk indikati mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Simpson. Fir-rigward tal-ħatra (allegatament difettuża) ta' mħallef għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li irregolarità mwettqa matul il-ħatra ta' mħallfin twassal għal ksur tal-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, "b'mod partikolari meta din l-irregolarità hija *ta' natura u ta' gravità tali* li toħloq riskju reali li partijiet oħra tal-poter, b'mod partikolari l-eżekuttiv, jistgħu jeżerċitaw setgħa diskrezzjonali indebita li tipperikola l-integrità tar-riżultat li jwassal għaliha l-proċess ta' ħatra u b'hekk toħloq dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-indipendenza u tal-imparzjalità tal-Imħallef jew tal-Imħallfin ikkonċernati […]" [85]. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat ukoll li dak ikun il-każ "meta r-regoli fundamentali li jagħmlu parti integrali tal-istabbiliment u tal-funzjonament ta' din is-sistema ġudizzjarja jkunu inkwistjoni" [86].

142. Min-naħa l-oħra, sa fejn huwa kkonċernat l-"aspett intern" tal-indipendenza ġudizzjarja, din il-kwistjoni sa issa ma ġietx ittrattata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Hemm, madankollu, gwida kunsiderevoli mill-Qorti EDB dwar din il-kwistjoni [87]. Fil-kawża Parlov-Tkalčić vs Il-Kroazja, il-Qorti EDB iddikjarat li l-indipendenza ġudizzjarja teħtieġ li l-imħallfin individwali jkunu liberi "mhux biss minn influwenzi indebiti esterni għall-ġudikatura, iżda wkoll dawk interni. Din l-indipendenza ġudizzjarja interna teħtieġ li jkunu liberi minn direttivi jew pressjonijiet mill-imħallfin l-oħra jew minn dawk li għandhom responsabbiltajiet amministrattivi fil-qorti bħall-president tal-qorti jew il-president ta' diviżjoni fil-qorti […] L-assenza ta' salvagwardji suffiċjenti li jiżguraw l-indipendenza tal-imħallfin fi ħdan il-ġudikatura u, b'mod partikolari, fil-konfront tas-superjuri ġudizzjarji tagħhom, tista' twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonkludi li d-dubji ta' rikorrent dwar l-(indipendenza u) l-imparzjalità ta' qorti jistgħu jitqiesu li huma oġġettivament iġġustifikati […]" [88] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

143. Fil-qafas ta' din l-analiżi, il-Qorti EDB teżamina, *inter alia*, jekk is-setgħat mogħtija lil superjuri ġudizzjarji bħal presidenti tal-qorti humiex "kapaċi jiġġeneraw pressjonijiet latenti li jirriżultaw fl-issuġġettar tal-imħallfin għas-superjuri ġudizzjarji tagħhom jew, mill-inqas, li l-imħallfin individwali joqogħdu lura milli jmorru kontra x-xewqat tal-president tagħhom, jiġifieri, li jkollhom effetti 'tal-biża'' fuq l-indipendenza ġudizzjarja tal-imħallfin […]" [89] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

84 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, *Guðmundur Andri* Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, sentenza tal-Awla Manja, punti 243 sa 252).

85 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 75). Enfasi miżjuda minni.

86 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 75).

87 Ara wkoll, pereżempju, Sillen, J., "The concept of 'internal judicial independence' in the case law of the European Court of Human Rights", *European Constitutional Law Review*, 2019, vol. 15, pp. 104-133.

88 Qorti EDB, 22 ta' Diċembru 2009 (CE:ECHR:2009:1222JUD002481006, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 *Ibid.*, punt 91. Il-Qorti EDB madankollu rrikonoxxiet li "kwalunkwe sorveljanza tax-xogħol tal-imħallfin tinvolvi ċertu riskju għall-indipendenza interna tagħhom u li huwa impossibbli li tinħoloq sistema li kompletament telimina dan ir-riskju" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

### *b) Analiżi*

144. F'din il-kawża, fid-Deċiżjoni Nru 685/2018 tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali kkonstatat li d-deċiżjonijiet amministrattivi tal-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ kisru d-dritt għal qorti stabbilita bil-liġi, kif ukoll ir-rekwiżit tal-imparzjalità. Fi ħdan din id-dimensjoni, il-Qorti Kostituzzjonali indikat l-importanza tal-aspett intern tal-indipendenza ġudizzjarja.

145. Nixtieq nenfasizza, mill-bidu, li ma huwiex neċessarju li jiġi analizzat, f'din il-kawża, jekk it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta *jobbligax* l-istess riżultat. Din ma hijiex id-domanda. Li jista', madankollu, jiġi konkluż mingħajr wisq diffikultà huwa li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta *ma jipprekludix* il-konstatazzjonijiet li waslet għalihom il-Qorti Kostituzzjonali.

146. Hija ġurisprudenza stabbilita li, fejn id-dritt tal-Unjoni jipprovdi lill-Istati Membri b'livell ta' diskrezzjoni, il-qrati nazzjonali jibqgħu liberi li jipproteġu d-drittijiet fundamentali taħt il-kostituzzjoni nazzjonali, sakemm il-livell ta' protezzjoni ggarantit mill-Karta, kif ukoll is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni ma jiġux kompromessi b'dan [90].

147. Jekk din il-kundizzjoni sabet ruħha f'M.A.S. bħala ftuħ għal standards kostituzzjonali nazzjonali bħala limitu għall-obbligu li *jitwarrbu* regoli nazzjonali materjalment inkompatibbli mal-Artikolu 325(1) TFUE [91], mela huwa pjuttost ċar li l-istess approċċ jista' jopera ugwalment bħala għodda sabiex tiġi evalwata b'mod ġenerali l-*kompatibbiltà* bejn id-dritt nazzjonali, il-prattika u l-ġurisprudenza, minn naħa, u d-dritt tal-Unjoni, min-naħa l-oħra [92].

148. F'din il-kawża, il-kwistjoni tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti, kif ukoll il-kwistjoni tar-rimedji disponibbli fil-każ ta' ksur tar-regoli nazzjonali fuq din il-kwistjoni (kif interpretati mill-qrati nazzjonali, inkluża l-Qorti Kostituzzjonali), ma hijiex irregolata mid-dritt tal-Unjoni. Fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li ma humiex kompletament iddeterminati mid-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri jżommu d-diskrezzjoni tagħhom. L-istandard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom li jista' jingħad li huwa ogħla jew differenti, li huma l-qrati nazzjonali li għandhom jidentifikaw, huwa ammissibbli skont l-Artikolu 53 tal-Karta, partikolarment fir-rigward ta' kwistjonijiet li ma humiex kompletament iddeterminati mid-dritt tal-Unjoni [93].

149. Dan ma jfissirx li kull regola nazzjonali, prattika jew deċiżjoni ġudizzjarja tkun tissodisfa din il-loġika, sempliċement billi tiġi "imballata u mibjugħa" bħala istanza ta' standard ta' protezzjoni nazzjonali ogħla jew differenti ta' dritt fundamentali. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbilixxiet ir-rekwiżiti li taħthom tista' tiġi permessa sitwazzjoni bħal din. L-applikazzjoni tal-istandards tal-protezzjoni għal drittijiet fundamentali nazzjonali ma tistax tkun tali li tikkomprometti l-livell ta' protezzjoni żgurat mill-Karta. Iktar minn hekk, bħala rekwiżit preliminari pjuttost ovvju, inżid li r-regola jew id-deċiżjoni nazzjonali għandhom raġonevolment u ġenwinament jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fuq livell nazzjonali, kif debitament interpretati permezz tal-istandard nazzjonali ta' protezzjoni applikabbli.

90 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60), u tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 29).

91 Sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punt 47).

92 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punti 29 u 36); tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punti 60 *et seq.*); jew tad-29 ta' Lulju 2019, Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2019:623, punti 28 *et seq.*).

93 *A contrario* għas-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107), fejn l-użu tal-Artikolu 53 tal-Karta kien prekluż minħabba li l-kwistjoni f'din il-kawża kienet kompletament armonizzata mid-dritt tal-Unjoni.

150. Madankollu, jekk dan ikun il-każ, kif diġà nnotajt post ieħor, il-*caveat* tas-"supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni" probabbilment ma għandhomx jittieħdu letteralment[94]. Inkella, ftit ikun jagħmel sens li ssir insistenza fuq l-unità f'oqsma fejn ir-regola awtomatika hija d-diversità nazzjonali. Il-konklużjoni madankollu hija ċara: fir-rigward ta' kwistjonijiet u ta' sitwazzjonijiet mhux iddeterminati mid-dritt tal-Unjoni, il-Karta ma hijiex il-limitu massimu[95].

151. F'dan il-kuntest, ma nara l-ebda raġuni għalfejn qorti kostituzzjonali nazzjonali ma għandhiex titħalla tagħmel enfasi ikbar fuq l-osservanza metikoluża tar-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti nazzjonali, inkluża l-kwistjoni ta' indipendenza interna, u li ma tkunx imbagħad tista' tasal għall-konklużjoni li, peress li dawn ir-regoli nkisru, il-konsegwenzi nazzjonali awtomatiċi (apparenti) għal deċiżjonijiet mogħtija minn kulleġġi ġudikanti komposti b'mod mhux xieraq għandhom japplikaw f'dawn il-kawżi.

152. L-ewwel nett, il-kunsiderazzjoni tad-diversità skont l-Artikolu 53 tal-Karta għandha b'mod partikolari tkun possibbli f'sitwazzjonijiet fejn ma hemmx differenza *in natura* għad-dritt protett, iżda, sikwit minħabba l-esperjenza storika nazzjonali u s-sensittività relatata, hemm differenza *fil-livell* u fill-bilanċ riżultanti. Għalhekk, ċerti sistemi ġuridiċi jistgħu jirreaġixxu b'iktar sensittività għall-kompożizzjoni mhux xierqa tal-kulleġġ ta' ġudikanti, sempliċement minħabba li għad għandhom xi memorja storika dwar x'jista' jiġri meta dawn ir-regoli jiġu mibdula bil-"flessibbiltà". L-istess huwa minnu fir-rigward ta' tħassib dwar id-dimensjoni interna tal-indipendenza ġudizzjarja u l-imparzjalità. Ikun żball li wieħed jibqa' fil-kategoriji tad-deċennji passati, li fihom it-theddid għall-indipendenza ġudizzjarja kien mistenni minn fergħat oħra tal-gvern. Ma hemmx nuqqas ta' affarijiet problematiċi ħafna li l-imħallfin, b'mod partikolari dawk responsabbli minn funzjonijiet maniġerjali, jistgħu jagħmlu lil imħallfin oħra[96].

153. It-tieni nett, l-istess imbagħad japplika għall-konsegwenzi marbuta ma' tali ksur. Li wieħed jippermetti kejl differenti jew ogħla fir-rigward tad-definizzjoni tad-dritt jew tal-prinċipju mbagħad loġikament jinkludi wkoll li jkun permess li jinstab bilanċ nazzjonali xieraq bejn kunsiderazzjonijiet marbuta ma' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi, minn naħa, u l-prinċipju ta' *res judicata*[97], min-naħa l-oħra.

154. It-tielet nett, fid-dawl ta' dak il-qafas, ir-reazzjoni għall-argumenti magħmula mill-partijiet interessati fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta tista' tkun relattivament konċiża.

155. It-tieni appellanti fil-Kawża C-357/19 sostniet li l-applikazzjoni tar-regola dwar il-ħatra tal-membri tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin tal-QGħKĠ billi jittellgħu bix-xorti tikkostitwixxi standard nazzjonali speċifiku. Din tipproteġi l-kompożizzjoni ta' kulleġġi tal-ogħla ġurisdizzjoni fil-livell ta' appell minn pressjonijiet politiċi, meħud inkunsiderazzjoni l-fatt li l-President u l-Viċi Presidenti ta' din il-ġurisdizzjoni huma maħtura mill-President tar-Rumanija. Bil-maqlub, il-Prosekutur, il-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Gvern Rumen sostnew fir-risposti tagħhom għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-prinċipju tal-kompożizzjoni

94 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Dzivev (C-310/16, EU:C:2018:623, punti 89 sa 91).

95 *Ibid.*, punti 92 sa 95.

96 Għal iktar dettall, ara, pereżempju, Kosař, D., *Perils of Judicial Self-Government in Transitional Societies*, Cambridge University Press, Cambridge, 2016, p. 407, fejn huwa ssuġġerit li ċerti forom ta' awtogovernanza ġudizzjarja jiġġeneraw "sistema ta' mħallfin dipendenti fi ħdan ġudikatura indipendenti", b'influwenza indebita li tiġi eżerċitata minn uffiċjali ġudizzjarji, bħall-presidenti ta' qrati jew uffiċjali ta' organi tal-awto-amministrazzjoni ġudizzjarja, *fi ħdan il-ġudikatura.*

97 Jidher li f'dan ir-rigward pjuttost hemm ċerta varjetà fl-approċċi adottati mill-Istati Membri dwar il-konsegwenzi tal-irregolaritajiet fuq il-kompożizzjoni ta' qorti u l-bilanċ bejn id-dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi u l-prinċipju taċ-ċertezza legali. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u Eżami mill-Ġdid HG vs Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2019:977, punti 98 sa 104).

tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin tal-QGħKĠ billi jittellgħu bix-xorti ma jistax jitqies bħala parti mill-istandard nazzjonali speċifiku marbut mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Dawn jinvokaw l-iktar il-fatt li r-regola dwar il-ħatra tal-membri tal-kulleġġi bit-tlugħ bix-xorti ma hijiex applikabbli għall-formazzjonijiet ġudizzjarji kollha, u li hija pjuttost eċċezzjoni. Il-"Forum" tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin sostna fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu fil-Kawża C-547/19 li l-fatt li mhux l-imħallfin kollha ta' kulleġġ jiġu maħtura billi jittellgħu bix-xorti ma għandux iqajjem dubji dwar l-imparzjalità tagħhom [98].

156. Ir-reazzjoni relattivament konċiża hija din li ġejja: huma l-istituzzjonijiet nazzjonali kompetenti li għandhom jistabbilixxu preċiżament x'inhu l-istandard nazzjonali. Anki jekk il-fatt li mhux l-imħallfin kollha ta' kulleġġ jinħatru billi jittellgħu bix-xorti ma jfissirx awtomatikament li hemm nuqqas ta' imparzjalità, fejn dan ir-rekwiżit ikun inkluż f'regola ġuridika, jista' jitqies b'mod leġittimu bħala regola relatata mal-kompożizzjoni ta' kulleġġ ta' ġudikanti kopert mid-dritt għal qorti stabbilita bil-liġi. X'inhi qorti stabbilita minn qabel bil-liġi tirreferi lura għad-dritt nazzjonali [99]. Din tista' titqies biss fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ordinament ġuridiku li jirregola l-istabbiliment u l-funzjonament tal-qorti inkwistjoni [100], f'din il-kawża, l-ordinament ġuridiku Rumen. Premess li d-dritt tal-Unjoni jaċċetta, fil-limiti ta' dak li huwa raġonevoli u ġenwin [101], li dawn il-kwistjonijiet li ma humiex iddeterminati mid-dritt tal-Unjoni jirriżultaw f'differenzi u f'diversità nazzjonali, mela mbagħad għandu jaċċetta wkoll li huwa l-attur(i) nazzjonali kompetenti li għandu jistabbilixxi dan l-istandard. Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha l-inkarigu li tarbitra kwistjonijiet ta' dritt nazzjonali.

### *c) Konklużjoni provviżorja*

157. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb it-tieni domanda fil-Kawża C-357/19 kif ġej: it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta ma jipprekludix li, f'sitwazzjoni li taqa' b'mod ġenerali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda li ma hijiex iddeterminata b'mod sħiħ minnu, qorti kostituzzjonali nazzjonali tiddikjara, b'applikazzjoni ta' standard nazzjonali ġenwin u raġonevoli ta' protezzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali u abbażi tal-interpretazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, li l-kulleġġi ġudikanti fi ħdan il-qorti suprema nazzjonali ma ġewx stabbiliti skont il-liġi.

## *3. Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

158. L-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19 tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE fir-rigward tal-adozzjoni u tal-effetti tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali. L-istess domanda fil-Kawża C-357/19, kif ukoll id-domanda fil-Kawża C-547/19, jistaqsu dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(1) u tal-Artikolu 2 TUE, kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta, fir-rigward ta' din l-istess deċiżjoni kostituzzjonali.

98 Din il-parti kkonċernata ssemmi l-Qorti EDB, 15 ta' Settembru 2015, Tsanova-Gecheva vs Il-Bulgarija (CE:ECHR:2015:0915JUD004380012, punt 108), fejn il-Qorti EDB ikkonstatat li anki jekk il-ħatra tal-ħames imħallfin ta' kulleġġ ma saritx billi ttellgħu bix-xorti (fatt li l-partijiet ma qablux dwaru), fl-assenza ta' elementi oħra li jindikaw nuqqas ta' imparzjalità, ma jidhirx li r-rekwiżiti tal-Artikolu 6 KEDB inkisru.

99 Ara iktar 'il fuq, il-punt 139 ta' dawn il-konklużjonijiet.

100 Ara, pereżempju, fir-rigward tal-allokazzjoni interna tal-kawżi, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Salzgitter vs Il-Kummissjoni (C-182/99 P, EU:C:2003:526, punti 28 sa 36); id-digriet tad-9 ta' Diċembru 2009, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (C-528/08 P, EU:C:2009:761, punti 57 sa 60); jew is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2014, Strack vs Il-Kummissjoni (C-127/13 P, EU:C:2014:2250, punti 50 sa 55).

101 Ara iktar 'il fuq, il-punt 149 ta' dawn il-konklużjonijiet.

159. F'din it-taqsima, ser nindirizza l-kwistjonijiet potenzjali li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, qabel ma ndur għad-dimensjoni iktar ġenerali u strutturali tad-domandi magħmula li huma ffokati fuq ir-riperkussjonijiet potenzjali ta' din id-deċiżjoni mill-perspettiva tal-prinċipji ta' indipendenza ġudizzjarja u l-Istat tad-dritt fit-taqsima segwenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

160. Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-357/19, sa fejn din tirreferi għall-Artikolu 325(1) TFUE u għall-Artikoli 1(1) u 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tfittex li tiżgura jekk l-Artikolu 325(1) TFUE, kif ukoll il-Konvenzjoni PIF, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lil qorti nazzjonali li ma tapplikax id-deċiżjoni ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali li twassal għall-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet finali, li potenzjalment tista' taffettwa kawżi li jikkonċernaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

161. L-obbligu impost mill-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF fir-rigward tal-imġiba deskritta fl-Artikolu 1 tagħha jammonta għall-għoti ta' espressjoni speċifika għall-obbligi iktar wiesgħa u iktar ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 325(1) TFUE. Madankollu, peress li d-diskussjoni f'din il-kawża fil-fatt kienet ibbażata fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE, ser nillimita l-analiżi tiegħi għal din l-aħħar dispożizzjoni. Wara kollox, huwa pjuttost improbabbli li n-natura tal-obbligi ta' Stat Membru jkunu radikalment differenti taħt strument jew ieħor.

### *1) Il-qafas tad-dritt tal-Unjoni*

162. Din il-kawża tirrappreżenta illustrazzjoni tal-problemi mqajma b'interpretazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE u l-konsegwenzi prattiċi marbuta ma' ksur potenzjali tiegħu. Kif turi l-ġurisprudenza reċenti [102], din id-dispożizzjoni tad-dritt primarju tal-Unjoni tinkludi ġabra kumplessa ta' obbligi u konsegwenzi fir-rigward tal-bilanċ tagħha ma' valuri u prinċipji oħra tad-dritt tal-Unjoni, bħad-drittijiet fundamentali.

163. Sa fejn huma kkonċernati l-*obbligi* imposti mill-Artikolu 325(1) TFUE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija pjuttost ċara. L-Artikolu 325(1) TFUE jobbliga lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-attivitajiet illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri effettivi u li jservu ta' deterrent [103]. L-Istati Membri huma liberi fl-għażla tal-pieni. Huma għandhom madankollu jiżguraw li l-obbligi tagħhom jiġu ssodisfatti effettivament, li jfisser, f'ċerti istanzi, l-impożizzjoni ta' pieni kriminali [104]. L-obbligi imposti mill-Artikolu 325(1) TFUE ma jieqfux fl-istadju tal-"kriminalizzazzjoni": L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li regoli oħra ta' natura materjali jew proċedurali (bħar-regoli ta' proċedura kriminali [105] jew termini ta' preskrizzjoni legali [106]) jippermettu l-ikkastigar effettiv ta' ksur li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

102 Sentenzi tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555); tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936); tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392); u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30).

103 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punt 30).

104 *Ibid.*, punti 33 u 34 u l-ġurisprudenza ċċitata.

105 Sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punt 55), u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

106 Sentenzi tat-8 ta' Settembru 2015, Taricco *et* (C-105/14, EU:C:2015:555, punt 47) u tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punt 36).

164. L-awtonomija proċedurali u istituzzjonali li jgawdu l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-ksur li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni hija madankollu limitata, *inter alia*, mir-rekwiżit tal-effettività li jeħtieġ li s-sanzjonijiet ikunu effettivi u dissważivi [107].

165. Madankollu, il-ġurisprudenza tikxef ċertu livell ta' kumplessità fl-eżami tal-evalwazzjoni tal-*kompatibbiltà* ta' dritt nazzjonali mal-Artikolu 325(1) TFUE, il-*limiti* interni tiegħu u l-*konsegwenzi u rimedji* prattiċi fil-każ li tqum sitwazzjoni ta' inkompatibbiltà, b'mod partikolari, l-obbligu ta' qrati nazzjonali li *jinjoraw* regoli nazzjonali inkompatibbli [108].

## *2) Il-fehmiet tal-partijiet*

166. F'din il-kawża, la l-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet u lanqas il-qorti tar-rinviju ma kkontestaw l-effettività jew id-deterrenza tas-sanzjonijiet kriminali stabbiliti bid-dritt nazzjonali fir-rigward ta' frodi serja jew attivitajiet illegali serji oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni *per se*. Il-kwistjoni hija, pjuttost, jekk id-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali hijiex kapaċi jkollha effett negattiv fuq il-prosekuzzjoni u l-ikkastigar effettiv tal-kawżi, u li għaldaqstant tikser l-Artikolu 325(1) TFUE.

167. Il-qorti tar-rinviju u l-Prosekutur iqisu li d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni x'aktarx ikollha effetti negattivi fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan l-argument huwa essenzjalment ibbażat fuq il-kunsiderazzjoni li d-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali għandha l-effett li twarrab sentenzi finali mogħtija mill-kulleġġi ta' ħames imħallfin u li għaldaqstant tista' ċċaħħad is-sanzjonijiet applikati f'numru kunsiderevoli ta' kawżi ta' frodi serja mill-effettività u mid-deterrenza tagħhom. Dan x'aktarx jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni peress li joħloq, minn naħa, id-dehra ta' impunità u, min-naħa l-oħra, riskju sistemiku ta' impunità bħala riżultat tal-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali relatati mat-termini ta' limitazzjoni, fid-dawl tal-kumplessità u tat-tul tal-proċeduri sakemm tingħata s-sentenza finali wara l-eżami mill-ġdid. Bħala riżultat, id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali għandha tiġi ddikjarata inkompatibbli mal-Artikolu 325(1) TFUE.

168. B'fehma differenti, il-Kummissjoni ssostni li, suġġett għall-verifika tal-qorti nazzjonali, din il-kawża ma hijiex tali li turi li hemm effett ta' impunità sistemika. Anki jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni opposta, huwa interessanti li jiġi nnotat li l-approċċ tagħha jidher li jinvoka l-istess pedamenti bħall-qorti tar-rinviju u bħall-Prosekutur. L-analiżi tal-Kummissjoni tibbaża ruħha wkoll primarjament fuq kunsiderazzjonijiet ta' "effettività", imkejla f'termini tal-impunità sistemika bħala funzjoni tan-numru potenzjali ta' kawżi affettwati.

107 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 B'mod kritiku, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi Scialdone (C-574/15, EU:C:2017:553, punt 137 *et seq.*), u Dzivev (C-310/16, EU:C:2018:623, punti 65 sa 68).

### *3) Analiżi*

*i) L-eżami li għandu jiġi applikat?*

169. Il-fatt li l-atturi f'dawn il-kawżi (il-qorti tar-rinviju, il-Prosekutur u l-Kummissjoni) jagħmlu riferiment għall-istess "eżami" sabiex jaslu għal konklużjonijiet opposti huwa interessanti. Ċertament, parti waħda jew iktar jista' sempliċement għandhom żball. Madankollu, huwa wkoll possibbli li din il-konklużjoni tista' tkun indikattiva ta' predikament iktar wiesa': forsi l-eżami nnifsu ma huwiex ideali.

170. Kif juru s-sottomissjonijiet f'din il-kawża, l-eżami għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 325(1) TFUE għandu jikkonsisti, essenzjalment, fl-evalwazzjoni tal-*effetti* ta' regola, ġurisprudenza jew prattika nazzjonali. Jinstab ksur tal-Artikolu 325(1) TFUE jekk l-impatt ta' miżuri nazzjonali jwasslu għal riskju ta' impunità sistemika. Dan apparentement jitkejjel f'termini tan-numru potenzjali ta' kawżi affettwati, anki jekk fatturi oħra, bħall-impatt speċifiku fuq il-baġit tal-Unjoni, it-tip jew il-kumplessità tal-kawżi kkonċernati, huma proposti wkoll bħala fatturi addizzjonali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

171. Skont din il-fehma, forsi biss b'ammont żgħir ta' karikatura, l-Artikolu 325(1) TFUE jikkostitwixxi massimu assolut ta' effettività, imkejla f'termini ta' kemm daħlu flus u kemm hemm persuni kkundannati jekk dawn il-flus ma daħlux. Il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tar-regoli tiġi ridotta għal stimi ġudizzjarji suġġettivi ta' impatt (empiriku) f'numru ta' kawżi ulterjuri u mhux speċifikat (iżda *sinjifikattiv*). Fuq din il-bażi, kwalunkwe regoli nazzjonali ta' dritt jew proċedura kriminali jistgħu jitwarrbu selettivament, naturalment għad-detriment tal-akkużat. Iktar minn hekk, anki jekk ma tiġix miċħuda ċerta rilevanza tad-drittijiet fundamentali fi ħdan approċċ bħal dan, il-protezzjoni tagħhom tista' x'aktarx tirriżulta biss fi stadju sussegwenti, bħala limitu potenzjali għall-possibbiltà li jitwarrbu miżuri nazzjonali jew li tiġi eżegwita regola ġdida għad-detriment tal-individwu.

172. Għar-raġunijiet diġà stabbiliti fil-konklużjonijiet tiegħi f'Dzivev [109], nikkunsidra dan l-approċċ problematiku.

173. L-ewwel nett, fuq livell iktar ġenerali, l-effettività fis-sens ta' deterrenza effettiva fil-qafas tal-Artikolu 325(1) TFUE, jew xi mkien ieħor fid-dritt tal-Unjoni [110], ma tistax tinftiehem bħala valur assolut li jissovrapponi kull kunsiderazzjoni oħra. L-Artikolu 325(1) TFUE fil-fatt jinkludi riferiment għal obbligi li huma orjentati lejn l-effettività li huwa jimponi fuq l-Istati Membri. Madankollu, huwa jinkludi wkoll komponent b'saħħtu ta' awtonomija istituzzjonali u proċedurali, li għandu jkun il-punt tat-tluq. F'din l-istruttura intrinsikament miftuħa, l-effettività ma tistax tkun l-uniku element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi tal-*kompatibbiltà*. Jekk l-effettività tittieħed sal-limitu kollu tagħha, jista' jiġi ġġustifikat kull u kwalunkwe riżultat: kwalunkwe regola nazzjonali li tostakola kundanna tista' tiġi ddikjarata inkompatibbli mal-Artikolu 325(1) TFUE. Din ma hijiex riċetta għall-eżekuzzjoni effettiva tad-dritt, iżda pjuttost għal arbitrarjetà individwali u kaos strutturali ġġenerat mid-dritt tal-Unjoni.

109 C-310/16, EU:C:2018:623, punti 121 sa 127.

110 Ara, għal eżempji oħra, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:972, punti 81 sa 84), jew ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Nemec (C-256/15, EU:C:2016:619, punt 64).

174. It-tieni nett, huwa għalhekk essenzjali li l-argument potenzjalment mingħajr limitu tal-"effettività" jiġi bbilanċjat ma' regoli oħra tad-dritt, prinċipji u valuri tal-Unjoni, inklużi drittijiet fundamentali jew il-legalità. Dan għandu jseħħ *diġà fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà*[111]. Il-legalità jew id-drittijiet fundamentali mhux sempliċement jiġu iktar tard, bħala limitu potenzjali (iżda pjuttost inkonvenjenti). Huma parti mill-istess organu ta' regoli fi ħdan l-istess ordinament ġuridiku tal-Unjoni u jġorru l-istess piż u importanza.

175. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din il-fehma f'M.A.S. u f'Dzivev, fejn indikat li "l-obbligu li jiġi żgurat ġbir effikaċi tar-riżorsi tal-Unjoni ma jeżentax lill-qrati nazzjonali mill-ħtieġa li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, […]"[112] inkluż "ir-rispett neċessarju tal-prinċipju ta' legalità u tal-Istat tad-dritt, li huwa wieħed mill-valuri ewlenin li fuqhom tistrieħ l-Unjoni, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 2 TUE"[113].

176. Fil-fatt, f'Dzivev, il-Qorti tal-Ġustizzja, *anki mingħajr* ma daħlet f'evalwazzjoni dwar jekk ir-regoli inkwistjoni wasslux għal impunità f'numru kunsiderevoli ta' kawżi, innotat li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jobbliga lil qorti nazzjonali twarrab regola proċedurali nazzjonali, anki jekk dan ikun iżid l-effettività tal-prosekuzzjonijiet kriminali li jwassal għall-ikkastigar ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, fejn din ir-regola proċedurali tirrifletti preċiżament rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali[114]. Fi kwalunkwe każ, anki jekk dan kellu jkun il-każ forsi f'xenarju ieħor, l-obbligu li tiġi emendata r-regola nazzjonali inkwistjoni u għalhekk li tiġi rrimedjata l-eżekuzzjoni mhux effiċjenti tal-Artikolu 325(1) TFUE jkun primarjament tal-leġiżlatur nazzjonali[115].

177. It-tielet nett, rigward in-natura u l-kriterji tal-eżami tal-inkompatibbiltà potenzjali ta' regoli nazzjonali mal-Artikolu 325(1) TFUE, nemmen li din l-evalwazzjoni għandha titwettaq bl-istess mod kif titwettaq kwalunkwe evalwazzjoni oħra ta' (in)kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni. L-eżami għandu jkun wieħed ta' kompatibbiltà *legali* tar-regoli, mhux kwalunkwe studju *statistiku* empiriku ta' numru (mhux speċifikat) ta' kawżi involuti[116].

178. Il-qrati għandhom tendenza li ma jkunux tajbin fl-istatistika. It-tip ta' analiżi fdata lill-qrati nazzjonali mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Taricco teħtieġ evidenza solida, probabbilment marbuta ma' analiżi prospettiva orjentata lejn effetti speċifiċi. Dan jidher li huwa kompletament lil hinn minn dak li jista' raġonevolment ikun mistenni minn imħallef nazzjonali, ċertament waħda minn qorti ta' istanza inferjuri, li naturalment jista' jkollha idea ġenerali ta' kawżi oħra pendenti jew dwar kwistjonijiet strutturali li jolqtu l-qasam tad-dritt tagħha, iżda li hija primarjament mitluba tiddeċiedi fuq kawża partikolari. Iktar minn hekk, apparti n-nuqqas tipiku ta' din l-evidenza, kwalunkwe konklużjoni bħal din x'aktarx tkun profondament ċirkustanzjali, dipendenti fuq fatturi momentużi bħan-numru potenzjali ta' kawżi pendenti quddiem qorti f'xi

111 Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Dzivev (C-310/16, EU:C:2018:623, punti 122 sa 123).

112 Sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 33). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punt 52); u tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et* (C-612/15, EU:C:2018:392, punti 68 u 71).

113 Sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 34).

114 Ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punti 35 sa 39).

115 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punt 41), u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punt 31).

116 Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Dzivev (C-310/16, EU:C:2018:623, punt 129).

mument partikolari, li x'aktarx jinbidel maż-żmien u li diffiċli jittieħed bħala punt ta' riferiment sostantiv għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' regola jew prattika nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni[117].

179. Id-diskussjoni f'dawn il-kawżi turi vividament dawn il-problemi. Biex nibdew, ma hemmx ċarezza dwar x'inhu eżattament ammont *sinjifikattiv* ta' kawżi li jistgħu jammontaw għal impunità *strutturali*. Iktar minn 10 %? Iktar minn 25 %? Iktar minn 40 %? Dan naturalment iwassal lill-atturi diversi sabiex jaslu għal riżultati differenti anki jekk jinvokaw l-istess eżami[118]. Minn naħa, peress li dawn il-proċeduri kollha huma fil-fatt inkwistjoni quddiem il-QGħKĠ, jidher fil-fatt li hemm ċerta data. Fil-Kawża C-357/19, kif spjegat mill-Gvern Rumen fir-risposti tiegħu għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-QGħKĠ tidher li għandha statistiċi pjuttost iddettaljati u kompleti[119]. Min-naħa l-oħra, dan jista' ma jkunx il-każ ġeneralment bi qrati oħra, li jistgħu ugwalment jintalbu sabiex japplikaw l-Artikolu 325(1) TFUE. L-ewwel appellanti fil-Kawża C-357/19 tinnota fir-risposti tagħha għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-qrati nazzjonali diffiċli jipproċedu għal analiżi tar-riskju sistemiku tal-impunità f'termini ta' numru ta' kawżi affettwati li jista' jitkejjel jew jiġi aċċertat, peress li huma inkarigati li jiġġudikaw biss kawżi individwali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, eżami bbażat fuq in-numru jew in-numru potenzjali ta' kawżi affettwati jkun qiegħed jirriskja li jagħmel l-analiżi ta' "konformità" kontinġenti fuq id-disponibbiltà u l-kwalità tal-informazzjoni statistika, li mbagħad pjuttost faċilment twassal għal applikazzjoni inkonsistenti jew, pjuttost, twarrib tar-regoli proċedurali nazzjonali f'kawżi ta' dritt kriminali.

180. Bħala sommarju, l-eżami rilevanti sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 325(1) TFUE għandu sempliċement ikun jekk regola, ġurisprudenza jew prattika nazzjonali, hijiex x'aktarx ser tikkomprometti, minn perspettiva *legali*, u *irrispettivament mill-*effett tagħha li jista' attwalment jitkejjel f'termini tan-*numru ta' kawżi affettwati*, il-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

181. L-elementi għall-evalwazzjoni li għandha titwettaq jinkludu: l-ewwel nett, l-evalwazzjoni legali u sistemika tal-kontenut tar-regoli inkwistjoni; it-tieni nett, l-għan tagħhom kif ukoll il-kuntest nazzjonali; it-tielet nett, il-konsegwenzi prattiċi raġonevolment perċepibbli jew mistennija tagħhom riżultanti mill-prattika tal-interpretazzjoni jew tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli (għalhekk indipendentement minn kwalunkwe stima statistika tan-numru ta' kawżi attwalment jew potenzjalment affettwati). Ir-raba' nett, id-drittijiet fundamentali u l-legalità jiffurmaw parti mill-bilanċ intern fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti materjali impost mill-Artikolu 325(1) TFUE *fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà* tar-regoli u tal-prattiki nazzjonali ma' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju tal-legalità ma humiex sempliċement elementi "korrettivi" li jistgħu eventwalment jillimitaw (*ex post*) l-effetti prattiċi ta' din id-dispożizzjoni. Dawn diġà jissodisfaw rwol fl-interpretazzjoni tal-kontenut materjali tal-Artikolu 325(1) TFUE, billi jikkostitwixxu l-limiti *interni* tiegħu fir-rigward tal-interpretazzjoni raġonevolment konċepibbli ta' din id-dispożizzjoni. Madankollu, kwalunkwe tħassib nazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni tal-legalità u standard ogħla ta' protezzjoni nazzjonali tad-drittijiet fundamentali invokat f'dan ir-rigward għandu jirrifletti, fir-rigward

117 In-natura problematika ta' din l-evalwazzjoni tista' tiġi enfasizzata biss billi wieħed jaħseb dwar il-parti l-oħra tal-kawża, dwar il-parir legali potenzjali li avukat tal-kriminal suppost tagħti lill-klijent tagħha bi tweġiba għal domanda dwar jekk id-dritt nazzjonali li jkun qiegħed jiġi applikat f'din il-kawża huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. "Ma nafx, jiddependi fuq kif imorru kawżi oħra?"

118 Ara iktar 'il fuq, il-punti 167 sa 168 ta' dawn il-konklużjonijiet.

119 Dan il-gvern spjega li l-QGħKĠ ikkomunikat permezz ta' ittra ta' Marzu 2020 l-informazzjoni u l-istatistika rilevanti dwar: *inter alia*, l-impatt tad-Deċiżjonijiet Nru 685/2018 u Nru 17/2019 tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-attività tal-QGħKĠ, in-numru ta' kawżi affettwati, in-numru ta' dawn il-kawżi li affettwaw interessi finanzjarji tal-Unjoni, id-danni kkawżati, it-tul tal-proċeduri, u n-numru ta' kawżi fejn kien hemm riskju ta' impunità.

tal-artikolazzjoni tagħhom, tħassib raġonevoli u ġenwin ta' protezzjoni ta' drittijiet ogħla. Iktar minn hekk, l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-interessi protetti mill-Artikolu 325(1) TFUE għandu jkun proporzjonali.

182. Finalment, fil-kawżi fejn dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu jwasslu għal dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà ta' regoli jew prattiċi nazzjonali mal-Artikolu 325(1) TFUE, il-kwistjoni sussegwenti tkun ir-rimedji u l-konsegwenzi tal-kawża individwali. F'dawn il-kawżi, speċjalment dawk li jinvolvu proċeduri kriminali, huwa ta' importanza partikolari jekk hemmx kunsiderazzjonijiet ulterjuri li jipprekludu tali dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà milli tiġi applikata effettivament għad-detriment tal-individwi fil-proċeduri prinċipali.

183. F'dan l-istadju tal-aħħar, il-perspettiva tinbidel. L-interessi strutturali tal-Unjoni ma għadhomx jitqabblu mal-awtonomija nazzjonali u l-livell ammissibbli ta' diversità, iżda għandhom jiġu bbilanċjati b'mod ekwu mad-drittijiet individwali tal-persuni kkonċernati fil-kuntest tal-kawża individwali. Filwaqt li l-konstatazzjoni ta' dan il-bilanċ hija fil-fatt primarjament ir-rwol tal-qrati nazzjonali fl-applikazzjoni tal-gwida pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jipprovdi ftuħ għall-kisba ta' dawn is-soluzzjonijiet ekwi individwali fuq livell nazzjonali.

184. Bħala sommarju, dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà miksuba fil-qafas ta' kawża individwali ma għandhiex neċessarjament tirrikjedi li, bħala konsegwenza tagħha, ir-regola legali l-ġdida tkun applikabbli wkoll f'din il-kawża fil-proċeduri prinċipali. Minn perspettiva strutturali, tali riżultat ma huwiex theddida għall-effettività jew għas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Iktar minn hekk, fuq nota iktar prammatika, jekk jinħass li ċerti prattiki fuq livell nazzjonali fil-fatt affettwaw b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni issa għandha fil-pussess tagħha għodda b'saħħitha taħt l-Artikolu 258 TFUE sabiex tikseb lura l-ammonti dovuti minn Stat Membru lill-baġit tal-Unjoni, mingħajr ma l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu fuq livell nazzjonali ssir dannu kollaterali fil-proċess [120].

*ii) Applikazzjoni għal din il-kawża*

185. Evalwata mal-kriterji stabbiliti iktar 'il fuq fil-punt 181 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali ma jidhirx li x'aktarx tikkomprometti l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

186. L-ewwel nett, mill-perspettiva tal-evalwazzjoni legali u sistemika tal-kontenut tad-deċiżjoni inkwistjoni, għandu jiġi nnotat, kif sostnew l-ewwel u t-tielet appellanti, li d-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali ma toħloqx rimedji ġodda u lanqas ma timmodifika s-sistema preeżistenti ta' rimedji. Hija fil-fatt ma hijiex intiża b'xi mod speċifiku għall-eżekuzzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE. Din id-deċiżjoni sempliċement iddikjarat sitwazzjoni ta' ksur tal-istandards legali relatati mal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti, li tolqot ukoll il-proċeduri nazzjonali b'mod wiesa' fi ħdan il-portata tal-Artikolu 325(1) TFUE. Hija ppermettiet lill-partijiet li jressqu appell straordinarju li huwa diġà previst mid-dritt, fil-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali. Għandu jiġi nnotat li l-istanzi limitati fejn huma permessi appelli straordinarji bħal dawn huma dawk elenkati fl-Artikolu 426(1) ta' dak il-kodiċi, li l-punt (d) tiegħu jagħmel riferiment espliċitu għas-sitwazzjoni "fejn il-kompożizzjoni tal-qorti tal-appell

[120] Ara s-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-391/17, EU:C:2019:919), li fetħet il-possibbiltà għall-Kummissjoni sabiex titlob somom preċiżi ta' dannu għall-baġit tal-Unjoni direttament fi proċeduri ta' ksur.

hija kontra l-liġi […]". Il-possibbiltà għal eżami mill-ġdid ta' deċiżjonijiet finali fuq il-bażi tal-irregolarità tal-kompożizzjoni ta' kulleġġ ġudikanti hija soluzzjoni li ma hijiex rari fl-Istati Membri differenti[121].

187. It-tieni nett, fir-rigward tal-għan tad-Deċiżjoni Nru 685/2018, kif ukoll il-kuntest nazzjonali, ma hemm xejn quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li jindika li l-għan tad-deċiżjoni inkwistjoni kien li tevita jew li timmina l-istrumenti legali li jippermettu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni jew li taffettwa l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Nixtieq nenfasizza b'mod ċar dan il-punt diġà f'dan l-istadju: ma hemm l-ebda argument oġġettiv u sostanzjat ta' kwalunkwe użu strumentali jew pjuttost abbuż ta' proċeduri normali[122].

188. It-tielet nett, kif tinnota l-Kummissjoni, l-effetti prattiċi potenzjali tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali huma limitati fiż-żmien. Id-deċiżjoni inkwistjoni għandha tiġi applikata, primarjament, għal kawżi pendenti jew futuri. Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni għal kawżi *magħluqa*, il-partijiet jistgħu biss jippreżentaw dan l-appell straordinarju fejn il-perijodu tal-appell straordinarju għadu għaddej. Madankollu, skont l-Artikolu 428(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, din l-opportunità tiskadi fi 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti tal-appell.

189. Iktar minn hekk, kif ġie nnotat ukoll b'mod xieraq mill-Kummissjoni u mit-tieni appellant fil-Kawża C-357/19, it-twarrib ta' deċiżjoni ta' qorti tal-appell bħala riżultat tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali ma jwassalx għat-twaqqif tal-proċeduri kriminali, iżda biss għal ftuħ mill-ġdid ta' stadju wieħed tal-proċeduri. Iktar minn hekk, il-ftuħ mill-ġdid naturalment ma jfissirx tibdil: jista' naturalment jintlaħaq għal darba oħra eżattament l-istess riżultat, din id-darba minn kulleġġ kompost b'mod xieraq. Finalment, id-dewmien potenzjalment ikkawżat x'aktarx ma jwassalx għall-preskrizzjoni tal-prosekuzzjoni. Suġġett għal verifika tal-qorti nazzjonali, is-sistema tal-preskrizzjoni prevista fl-Artikoli 154 u 155 tal-Kodiċi Kriminali, ma jidhirx li twassal għal konsegwenzi mhux raġonevoli, meħud inkunsiderazzjoni t-tul tat-termini ta' preskrizzjoni kif ukoll ir-regoli li jirregolaw il-kawżi u l-effetti tal-interruzzjonijiet ta' dawn it-termini, inkluż il-limitu massimu tagħhom[123].

190. Ir-raba' nett, ma jistax jiġi injorat, kif sostnew l-ewwel, it-tieni u t-tielet appellanti fil-Kawża C-357/19, li l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali tinvoka d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, partikolarment, b'rabta mal-aspett tiegħu tad-dritt għal qorti stabbilita minn qabel bil-liġi b'rabta ma' tħassib relatat mal-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja interna[124].

191. Jistgħu dawn il-kunsiderazzjonijiet jiġu sostnuti fil-kuntest tal-Artikolu 325(1) TFUE, bħala limitazzjonijiet għall-kunsiderazzjonijiet relatati mad-deterrent effettiv ta' sanzjonijiet li għandhom japplikaw fuq livell nazzjonali?

121 Pereżempju, fir-rigward tal-irregolaritajiet fil-ħatriet ġudizzjarji, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston f'Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u Eżami mill-ġdid HG vs Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2019:977, punti 98 sa 104).

122 Fis-sens previst fil-punt 243 fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR, li minnu jirriżulta li r-regoli miktuba fuq il-karta jaħbu realtà differenti ħafna. Dan naturalment jinkludi s-sitwazzjoni fejn ċerti proċessi ġenerali, oġġettivi jintużaw ħażin għall-għanijiet personali ta' grupp partikolari ta' persuni.

123 Ara iktar 'il fuq, ir-regoli tal-preskrizzjoni stabbiliti fil-punti 15 u 16 ta' dawn il-konklużjonijiet.

124 Ara iktar 'il fuq, il-punti 127 sa 128 ta' dawn il-konklużjonijiet.

192. Fil-fehma tiegħi, skont M.A.S. u Dzivev, dawn mhux biss jistgħu jiġu sostnuti, iżda għandhom ukoll jiġu aċċettati. Għal darba oħra, jekk f'M.A.S., tħassib kostituzzjonali nazzjonali f'qasam mhux iddeterminat mid-dritt tal-Unjoni (termini tal-preskrizzjoni f'dak iż-żmien) tħalla jopera bħala limitu għall-obbligu li *jitwarrbu* regoli nazzjonali materjalment inkompatibbli mal-Artikolu 325(1) TFUE [125], l-istess għandu japplika *a fortiori* fir-rigward tal-evalwazzjoni fi stadju preċedenti, jiġifieri fl-evalwazzjoni tal-*kompatibbiltà* bejn dritt, ġurisprudenza u prattika nazzjonali, minn naħa, u d-dritt tal-Unjoni, min-naħa l-oħra [126].

193. Mill-bqija, l-analiżi li tista' titwettaq hawn hija fil-merti tagħha l-istess bħal dik li twettqet preċedentement fil-kuntest tal-istandard taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta [127]. Fi kliem sempliċi, id-dritt tal-Unjoni ma jistabbilixxi (direttament) l-ebda regoli dwar il-kompożizzjoni ta' kulleġġi ġudikanti fuq livell nazzjonali. Fi ħdan dak il-kuntest ta' diversità ammissibbli, is-sistema Rumena jidher li tinkludi viżjoni iktar stretta dwar x'inhu l-istandard meħtieġ ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi u l-konsegwenzi tal-ksur tiegħu. Dan it-tħassib jidher li huwa raġonevoli u ġenwin, u jirrifletti bilanċ li huwa biss ftit differenti bejn il-valuri inkwistjoni.

194. Bħala konklużjoni, ser nenfasizza għal darba oħra dak li huwa "raġonevoli u ġenwin", fil-kuntest tal-Artikolu 325(1) TFUE, kif ukoll, f'dan is-sens, standard nazzjonali ogħla ta' protezzjoni taħt il-Karta. Ir-regola nazzjonali fformulata hekk għandha tirrifletti tħassib ġenwin li għandu raġonevolment jikkontribwixxi għall-protezzjoni ta' drittijiet u ta' valuri fundamentali nazzjonali, u li għandu jkun aċċettabbli (fil-prinċipju, mhux neċessarjament fil-livell u fl-artikolazzjoni speċifika) bħala valur fi ħdan l-Unjoni bbażata fuq l-Istat tad-dritt, id-demokrazija u d-dinjità tal-bniedem.

195. Ċertament, ikunu dejjem l-atturi nazzjonali kompetenti li għandhom jiddefinixxu x'inhu standard nazzjonali (kostituzzjonali). Madankollu, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax ħlief tirrikonoxxi din id-definizzjoni ma jfissirx li hija għandha taċċetta l-kontenut kollu tagħha, speċjalment jekk invokat bħala limitazzjoni jew eċċezzjoni għad-dritt tal-Unjoni, inkluż fi ħdan il-qafas tal-Artikolu 325(1) TFUE.

*iii) Konklużjoni provviżorja*

196. Nikkonkludi li l-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19, sa fejn tikkonċerna l-Artikolu 325(1) TFUE (kif ukoll potenzjalment l-Artikolu 1(1)(a) u (b) u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, suġġett għal verifika mill-qorti nazzjonali), għandha tiġi mwieġba fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati li ma jipprekludux deċiżjoni ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali li tiddikjara bħala illegali l-kompożizzjoni ta' kulleġġi ta' qorti suprema nazzjonali fuq il-bażi li ġie miksur id-dritt għal qorti imparzjali, bil-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jippermettu li jiġu ppreżentati rimedji ġudizzjarji straordinarji kontra deċiżjonijiet finali.

125 Sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936, punt 47).

126 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punti 29 u 36); tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60 *et seq.*); jew tad-29 ta' Lulju 2019, Funke Medien NRW (C-469/17, EU:C:2019:623,punt 28 *et seq.*).

127 Ara iktar 'il fuq, il-punti 146 sa 156 ta' dawn il-konklużjonijiet.

### *4. Il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja*

197. Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-357/19, sa fejn tirreferi għall-Artikolu 19(1) TUE, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk din id-dispożizzjoni tipprekludix l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Qorti Kostituzzjonali (imsemmija bħala "korp li ma għandux kompetenza ġudizzjarja"), milli tadotta deċiżjoni bħad-Deċiżjoni Nru 685/2018. Id-domanda magħmula fil-Kawża C-547/19 tistaqsi, f'termini simili (minkejja li hawn il-Qorti Kostituzzjonali hija msemmija bħala "organu li skont id-dritt nazzjonali ma huwiex istituzzjoni ġudizzjarja"), jekk l-Artikolu 2 TUE, l-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludux l-intervent tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tal-mod li bih qorti suprema interpretat u applikat il-leġiżlazzjoni infrakostituzzjonali fil-qafas tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti.

198. Ikolli nenfasizza li, fil-fehma tiegħi, ma huwiex ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa, b'mod ġenerali, l-istruttura u l-kompetenzi ta' istituzzjonijiet (ġuridiċi) nazzjonali. Bl-eċċezzjoni tax-xenarji estremi u sfortunati li fihom istituzzjoni ġudizzjarja sħiħa (jew anki partijiet mis-sistema ġudizzjarja) ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti sistemiċi tal-Istat tad-dritt u għalhekk ma tkunx tista' tibqa' tiġi msemmija bħala qorti indipendenti, u meta analiżi istituzzjonali ta' attur ġudizzjarju nazzjonali ssir inevitabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja dejjem illimitat l-analiżi tagħha għal kwistjonijiet sostantivi mqajma minn qorti tar-rinviju. Huwa minnu li fi ħdan din id-diskussjoni, id-deċiżjoni preċedenti ta' istituzzjoni ġudizzjarja oħra, anki ogħla fl-istess ordinament ġuridiku, tista' indirettament tiġi ddubitata. Madankollu, is-suġġett ta' din id-diskussjoni dejjem kien primarjament is-sustanza ta' dik id-deċiżjoni, mhux evalwazzjoni astratta tal-kompetenzi jew tal-awtorità ġenerali ta' istituzzjoni nazzjonali li tagħtiha.

199. Il-partijiet preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet ippruvaw isegwu din it-tradizzjoni[128]. Madankollu, u peress li huwa r-rwol tal-Avukat Ġenerali li jassisti kompletament lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-esplorazzjoni tad-dimensjonijiet kollha possibbli tal-kawża quddiemha, għandi noffri wkoll ċerti rimarki, fil-fatt pjuttost konċiżi, fuq il-punti iktar wiesgħa u istituzzjonali mqajma mill-qorti tar-rinviju.

200. Fid-dawl tat-tħassib imqajjem mill-qorti tar-rinviju (1), ser neżamina, wara xi kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar il-qafas ġuridiku tal-Unjoni (2), jekk ir-rekwiżiti relatati mal-indipendenza ġudizzjarja stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TFUE jipprekludux l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali (3).

#### *1) It-tħassib imqajjem mill-qorti tar-rinviju*

201. Fid-deċiżjonijiet tar-rinviju tagħha, il-qorti tar-rinviju tindika problemi differenti relatati mal-istatus u mal-kompożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali b'mod ġenerali (i); mal-kompetenza partikolari tagħha dwar l-istabbiliment ta' kunflitti legali ta' natura kostituzzjonali u mal-użu speċifiku ta' din il-kompetenza fil-proċess tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018 (ii); kif ukoll mal-effetti ta' din id-deċiżjoni fuq il-prinċipju taċ-ċertezza legali (iii).

202. L-ewwel tip ta' tħassib, relatat mal-istatus u mal-fehma tal-Qorti Kostituzzjonali, huwa spjegat f'iktar dettall mill-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha fil-Kawża C-547/19. Huwa nnotat li l-Qorti Kostituzzjonali ma hijiex istituzzjoni ġudizzjarja peress li ma tiffurmax parti mill-ġudikatura. Kunsiderazzjonijiet politiċi għandhom rwol importanti fil-ħatra

[128] Ara wkoll iktar 'il fuq, il-punt 119 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-membri tagħha. L-Artikolu 142(3) tal-Kostituzzjoni Rumena jipprevedi li, mid-disa' membri tal-Qorti Kostituzzjonali, "[g]ħandhom jiġu maħtura tliet imħallfin mill-Kamra tad-Deputati, tlieta mis-Senat u tlieta mill-President tar-Rumanija".

203. It-tieni tip ta' tħassib, ugwalment esplorat fid-deċiżjoni tar-rinviju fil-Kawża C-547/19, huwa relatat mal-kompetenzi tal-Qorti Kostituzzjonali għall-istabbiliment tal-eżistenza ta' kunflitt ta' natura kostituzzjonali. Dan jinkludi kemm l-awtoritajiet li għandhom is-setgħa jiftħu din il-proċedura u l-impatt ta' din il-proċedura fuq il-kompetenzi tal-ġudikatura.

204. Minn naħa, il-qorti tar-rinviju tinnota li, skont l-Artikolu 146(d) tal-Kostituzzjoni Rumena, il-proċedura sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kunflitt ta' natura kostituzzjonali tista' tinbeda biss fuq it-talba tal-President tar-Rumanija, ta' wieħed mill-presidenti taż-żewġ awli, tal-Prim Ministru jew tal-President taċ-CSM. Bl-eċċezzjoni tal-President taċ-CSM, il-persuni l-oħra involuti huma organi ta' natura politika. Billi torbot dan l-aspett mal-element politiku li jaffettwa l-ħatra tal-membri tal-Qorti Kostituzzjonali, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-kundizzjonijiet huma tali li jirriżultaw f'riskju ta' intervent għal għanijiet politiċi jew fl-interessi ta' persuni politikament influwenti. Jidher li l-qorti tar-rinviju tqis li dan il-perikolu huwa illustrat mill-fatt li l-proċedura li wasslet għad-Deċiżjoni Nru 685/2018, mibdija mill-Prim Ministru, ġiet fi żmien meta l-president tal-Kamra tad-Deputati, li kien ukoll il-president tal-partit fil-gvern, kien hu stess il-konvenut fi proċeduri kriminali rreġistrati mal-kulleġġ ta' ħames imħallfin stabbilit sabiex jisma' kawżi kriminali.

205. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-impatt tal-proċedura speċifika għall-istabbiliment ta' kunflitt ta' natura kostituzzjonali fuq l-indipendenza tal-ġudikatura, il-qorti tar-rinviju tispjega li ma hemmx separazzjoni ċara bejn "sempliċi kwistjonijiet ta' legalità", li għandhom jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji, u l-"kunflitt ta' natura kostituzzjonali", li tista' tiġġudika l-Qorti Kostituzzjonali. Il-qorti tar-rinviju tinnota li deċiżjoni ġudizzjarja kontra l-liġi hija deċiżjoni illegali u li att amministrattiv kontra l-liġi huwa att illegali, u mhux l-espressjoni ta' "kunflitt ġudizzjarju ta' natura kostituzzjonali mal-leġiżlatur". Ir-rimedju disponibbli f'każijiet bħal dawn għandu jkun l-użu ta' rimedji legali jew, fejn xieraq, li jiġi ppreżentat rikors amministrattiv.

206. Dwar speċifikament l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 685/2018, il-qorti tar-rinviju tinnota li l-interpretazzjoni adottata mill-Kunsill Governattiv tal-QGħKĠ fid-Deċiżjoni Nru 3/2014 tagħha kienet motivata mill-impreċiżjoni tal-liġi. Ma setgħetx għalhekk titqies bħala att intenzjonali li jċaħħad ir-rieda tal-leġiżlatur. F'dan il-kuntest, il-Qorti Kostituzzjonali sempliċement irribattiet l-interpretazzjoni mogħtija mill-QGħKĠ tad-dispożizzjonijiet mhux ċari inklużi fil-liġi. Għal din ir-raġuni, il-qorti tar-rinviju tqis li l-istħarriġ tal-legalità tal-attività tal-QGħKĠ mill-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll il-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali ordnat it-trasferiment ta' kompetenzi li, skont il-liġi, kienu tal-QGħKĠ, liċ-CSM, jista' jkollu impatt negattiv mhux biss fuq l-indipendenza ġudizzjarja, iżda wkoll fuq il-pedamenti tal-Istat tad-dritt.

207. It-tielet tip ta' tħassib huwa relatat mal-effetti tad-deċiżjoni inkwistjoni fuq il-prinċipju taċ-ċertezza legali. Il-qorti tar-rinviju tinnota, b'mod iktar ġenerali, fit-talba tagħha fil-Kawża C-357/19, li l-prinċipji tal-indipendenza ġudizzjarja u taċ-ċertezza legali jipprekludu l-għoti ta' effetti vinkolanti lid-Deċiżjoni Nru 685/2018 fir-rigward ta' deċiżjonijiet li diġà saru finali mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-assenza ta' raġunijiet serji li jistgħu jpoġġu indiskussjoni l-aderenza għad-dritt għal smigħ xieraq fil-kawżi rilevanti. L-interpretazzjoni mogħtija mill-kumitat amministrattiv tal-QGħKĠ, inkorporata

fir-Regolament dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament amministrattiv tal-QGħKĠ, mingħajr kontestazzjoni u aċċettata unanimament mill-prattika ġudizzjarja, ma tikkostitwixxix bażi raġonevoli li tiġġustifika dawn l-effetti.

### *2) Il-qafas tad-dritt tal-Unjoni*

208. L-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġudikatura taqa' fi ħdan il-kompetenzi tal-Istati Membri skont il-prinċipju awtomatiku tal-awtonomija istituzzjonali[129]. Dan jinkludi l-istabbiliment u l-funzjonament ta' qorti kostituzzjonali. Il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja ma jeħtieġx li l-Istati Membri jadottaw xi mudell kostituzzjonali partikolari li jirregola r-relazzjoni u l-interazzjoni bejn id-diversi fergħat tal-Istat[130], sakemm ovvjament jinżamm ċertu livell bażiku ta' separazzjoni tal-poteri (li huwa essenzjali għall-Istat tad-dritt)[131].

209. Fl-istrutturar tal-istituzzjonijiet u tal-proċeduri ġudizzjarji tagħhom, l-Istati Membri huma madankollu meħtieġa li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom tad-dritt tal-Unjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 47 tal-Karta, li l-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tiegħu għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-Artikolu 6(1) KEDB, kif ukoll tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE[132]. Madankollu, ma hemm l-ebda mudell jew sistema unika valida kkonċeputa minn qabel. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tfittex minflok li tidentifika rekwiżiti minimi li għandhom jikkonformaw magħhom is-sistemi nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti huma relatati mal-aspetti *interni* u *esterni* tal-indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll mar-rekwiżit ta' *imparzjalità*, riżultanti mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB.

210. L-element *estern* tal-indipendenza ġudizzjarja, marbut mill-viċin mar-rekwiżit tal-imparzjalità, jeħtieġ "li l-qorti kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma tkun suġġetta għal xi rabta ġerarkika jew għal subordinazzjoni fir-rigward ta' xi ħadd u mingħajr ma tirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, b'tali mod li b'hekk tkun *protetta kontra l-interventi jew il-pressjonijiet esterni* li jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tagħha u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom"[133]. Dan ma jinkludix biss influwenza diretta fil-forma ta' istruzzjonijiet, iżda wkoll "il-forom iktar indiretti ta' influwenza li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati"[134].

211. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, billi fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar l-Artikolu 6(1) KEDB, sabiex jiġi stabbilit l-element tal-"indipendenza", uħud mill-elementi rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati huma, *inter alia*, *il-mod tal-ħatra u t-tul tal-mandat tal-imħallfin*, l-eżistenza ta' garanziji kontra pressjonijiet esterni, kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-korp għandux "dehra ta' indipendenza", minħabba li hija preċiżament il-fiduċja li l-qrati għandhom jispiraw fil-pubbliku f'soċjetà demokratika li hija inkwistjoni[135].

[129] Ara l-punti 227 sa 232 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR.

[130] Ara, fir-rigward tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 130 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[131] *Ibid.*, punti 124 sa 126 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[132] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531, punt 52), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 115).

[133] *Ibid.*, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata. Enfasi miżjuda minni.

[134] *Ibid.*, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[135] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 127) li tagħmel riferiment, f'dan is-sens, għall-Qorti EDB, 21 ta' Ġunju 2011, Fruni vs Is-Slovakkja (CE:ECHR:2011:0621JUD000801407, punt 141), u għall-Qorti EDB, 6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 144 u l-ġurisprudenza ċċitata).

212. Element importanti ieħor fl-eżami oġġettiv tal-imparzjalità hija (d-duttrina tal-)apparenzi: dak l-eżami jeżiġi analiżi ta' jekk, irrispettivament mill-aġir ta' mħallef partikolari, ċerti fatti li jistgħu jiġu vverifikati jqajmux dubji dwar l-imparzjalità ta' dan tal-aħħar[136]. B'mod partikolari, fir-rigward tal-ħatriet ġudizzjarji, huwa neċessarju li "l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ħatra jkunu tali li ma jkunux jistgħu joħolqu, f'moħħ l-individwi, dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward ta' elementi esterni u fir-rigward tan-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi li jkunu inkwistjoni, ladarba jinħatru l-imħallfin ikkonċernati"[137].

213. Madankollu, sabiex tiġi eżaminata l-kisba ta' dan il-livell, il-Qorti tal-Ġustizzja ffavorixxiet analiżi ġenerali li tieħu inkunsiderazzjoni elementi marbuta mal-ħsieb istituzzjonali, ir-regolazzjoni ġuridika u l-implimentazzjoni prattika. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, pereżempju, is-sempliċi fatt li l-awtoritajiet eżekuttivi jew leġiżlattivi għandhom rwol fil-proċess tal-ħatriet ġudizzjarji ma huwiex ta' natura li joħloq dipendenza jekk, wara li jinħatru, l-imħallfin ma jiġux suġġetti għal pressjonijiet u ma jirċevux istruzzjonijiet fl-eżerċizzju tal-kariga ġudizzjarja tagħhom[138].

214. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "l-indipendenza ta' qorti nazzjonali għandha, inkluż mill-aspett tal-kundizzjonijiet li fihom issir il-ħatra tal-membri, tiġi evalwata fid-dawl tal-fatturi kollha li huma rilevanti"[139]. Dan ifisser li filwaqt li anki jekk uħud mill-elementi indikati minn qorti nazzjonali ma jistgħux minnhom innifishom jiġu kkritikati, dawn l-elementi, meta kkunsidrati flimkien, u flimkien maċ-ċirkustanzi li jiċċirkondawhom, jistgħu jidhru problematiċi[140].

### *3) Analiżi*

#### *i) Kompożizzjoni u status tal-Qorti Kostituzzjonali*

215. Rigward l-ewwel grupp ta' problemi mqajma mill-qorti tar-rinviju dwar il-kompożizzjoni u l-istatus tal-Qorti Kostituzzjonali, ma jidhirx, fil-fehma tiegħi, li l-metodu tal-ħatra għall-Qorti Kostituzzjonali huwa, fih innifsu, problematiku. Il-fatt li istituzzjonijiet "politiċi" jipparteċipaw fil-ħatra ta' organu bħall-Qorti Kostituzzjonali ma jittrasformahiex *per se* f'organu politiku li jappartjeni jew li huwa ssubordinat għall-eżekuttiv. Li huwa importanti pjuttost huwa li l-imħallfin kostituzzjonali, wara li jinħatru, ikunu liberi mill-influwenza jew mill-pressjoni fuq il-funzjonijiet tagħhom[141].

[136] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 128) b'riferiment għall-Qorti EDB, 6 ta' Mejju 2003, Kleyn *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:2003:0506JUD003934398, punt 191 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punti 145, 147 u 149 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[137] Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 134, u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[138] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 133, u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 54).

[139] Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 56).

[140] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 142), u tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 57).

[141] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 133 u l-ġurisprudenza ċċitata).

216. Minn perspettiva ta' struttura u organizzazzjoni, il-qrati kostituzzjonali fil-fatt ma humiex qrati bħall-oħrajn. F'din id-dimensjoni u f'dan is-sens, il-qrati kostituzzjonali, speċjalment f'dawn is-sistemi fejn jeżerċitaw stħarriġ kostituzzjonali speċjalizzat u kkonċentrat, fil-fatt ma humiex bħall-qrati (ordinarji, komuni) l-oħra fi ħdan sistema nazzjonali [142]. Madankollu, anki jekk jista' jkun hemm l-eżitazzjoni tassonomika okkażjonali dwar liema fergħa preċiża tal-gvern huma jappartjenu għaliha, dan ma jfissirx li bħala konsegwenza, dawn il-qrati ma humiex iżjed "ġurisdizzjonijiet" [143]. Li huwa importanti għall-għan ta' din id-definizzjoni huwa li dawn il-qrati għandhom l-attributi ta' imparzjalità u indipendenza meħtieġa, permezz tad-determinazzjoni tal-istatus tal-imħallfin kostituzzjonali u l-garanziji ġuridiċi tal-indipendenza tagħhom waqt li jkunu fil-kariga.

217. Dan jipprovdi wkoll tweġiba dwar il-kwistjoni tal-ħatra. Min attwalment jaħtar ma huwiex konkluživ [144], iżda huwa parzjalment rilevanti, b'mod partikolari b'rabta mal-proċess tal-għażla għall-imħallfin. Huma l-garanziji tal-indipendenza fl-eżerċizzju tal-kariga, marbuta potenzjalment mal-aġir attwali, li għandhom rilevanza. Fuq nota addizzjonali, jista' jiġi ssuġġerit ukoll li huwa preċiżament l-involviment tal-fergħat l-oħra tal-gvern fil-ħatra tal-imħallfin li huwa istanza ta' separazzjoni vera tal-poteri. Is-separazzjoni tal-poteri ma għandhiex tiġi mfixkla ma' viżjonijiet eżaġerati ta' indipendenza ġuridika li effettivament ifissru iżolazzjoni u insularità ġudizzjarja.

218. Fil-kuntest ta' dawn il-kawżi, għandu jiġi nnotat li r-rekwiżit tal-indipendenza jifforma parti mill-istatus kostituzzjonali tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali skont l-Artikolu 145 tal-Kostituzzjoni Rumena. Skont l-Artikolu 142(2) tal-Kostituzzjoni Rumena, il-mandat ta' disa' snin tal-imħallfin kostituzzjonali ma jiġġeddidx. Matul dan il-perijodu, dawn huma, skont l-Artikolu 145 tal-Kostituzzjoni Rumena, irremovabbli. Il-kundizzjonijiet għall-ħatra tagħhom, li jinkludu kwalifiċi ġuridiċi eċċellenti, livell għoli ta' kompetenza professjonali u mill-inqas 18-il sena ta' esperjenza f'xogħol ġuridiku jew f'edukazzjoni ġuridika ogħla, huma stabbiliti fl-Artikolu 143 tal-Kostituzzjoni Rumena. Iktar minn hekk, kif tinnota l-Kummissjoni, l-Artikolu 144 tal-Kostituzzjoni Rumena jistabbilixxi wkoll sistema ta' inkompatibbiltajiet għall-imħallfin kostituzzjonali, intiżi li jipproteġu l-indipendenza tagħhom.

219. Iktar minn hekk, il-qrati kostituzzjonali b'mod ġenerali [145], u l-Qorti Kostituzzjonali Rumena b'mod partikolari [146], ġew ikkunsidrati wkoll bħala interlokuturi validi mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qafas tal-proċedura preliminari tal-Artikolu 267 TFUE, li teħtieġ, mill-inqas sa ċertu punt, l-indipendenza tagħhom sabiex tissodisfa d-definizzjoni ta' "qorti jew tribunal" skont l-Artikolu 267 TFUE [147].

142 Ara, pereżempju, dwar dan id-dibattitu, Grimm, D. "Constitutions, Constitutional Courts and Constitutional Interpretation at the Interface of Law and Politics", *EMERJ*, 2019, vol. 21(3), pp. 55-71; Ginsburg, T. u Garoupa, N. "Building Reputation in Constitutional Courts: Political and Judicial Audiences", *Arizona Journal of International and Comparative law*, 2011, vol. 28, pp. 539-568.

143 Ara, dwar dan id-dibattitu fuq il-perspettiva komparattiva, imbuttat min-natura speċjali tal-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż, Favoreu, L. u Mastor, W., *Les cours constitutionnelles*, Dalloz, Pariġi, it-tieni edizzjoni, 2016, pp. 22 *et seq.*

144 Inkella, il-fatt li f'numru sinjifikattiv tal-Istati Membri, l-imħallfin jinħatru minn kap ta' Stat jew gvern, jiġifieri l-eżekuttiv, ikun ifisser ukoll li kollha kemm huma huma *eo ipso* mhux indipendenti?

145 Fost il-ħafna kawżi li s'issa saru mill-qrati kostituzzjonali nazzjonali, ara pereżempju, is-sentenzi tal-1 ta' Marzu 2011, Association belge des Consommateurs Test-Achats *et* (C-236/09, EU:C:2011:100); tas-26 ta' Frar 2013, Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107); tat-30 ta' Mejju 2013, F. (C-168/13 PPU, EU:C:2013:358); u tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400).

146 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Coman *et* (C-673/16, EU:C:2018:385).

147 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, EU:C:2006:587, punt 49 sa 53), jew, iktar reċentement, is-sentenzi tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punt 55 *et seq.*); tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 45 *et seq.*), u tas-16 ta' Lulju 2020, Governo della Repubblica italiana (Status tal-Giudici di pace Taljani), (C-658/18, EU:C:2020:572, punt 42 *et seq.*).

*ii) Il-kompetenzi u l-prattika tal-Qorti Kostituzzjonali*

220. B'mod simili, it-tħassib tal-qorti tar-rinviju dwar il-*kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali* sabiex tistabbilixxi kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn setgħat kostituzzjonali jappartjeni għall-qasam tal-awtonomija istituzzjonali u proċedurali ta' dan l-Istat Membru.

221. Ma hemm l-ebda katalogu maħluq minn qabel ta' kompetenzi li l-qrati kostituzzjonali għandu jew ma għandux ikollhom sabiex ikunu konformi mal-prinċipju tal-Unjoni tal-indipendenza ġudizzjarja. B'xi mod, huwa intrinsiku għall-funzjonijiet tal-qrati kostituzzjonali li s-setgħat tagħhom ikollhom effetti (diretti jew indiretti) fuq id-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati ordinarji [148].

222. Jista' jiġi miżjud biss li, almenu sa fejn naf jien, l-ebda mill-qrati kostituzzjonali fl-Ewropa qatt ma kienu kapaċi jsibu formula preċiża għad-distinzjoni bejn xi tkun kwistjoni ta' sinjifikat "kostituzzjonali" u xi tkun kwistjoni ta' "sempliċi" legalità. L-assenza ta' kwalunkwe distinzjoni ċara bħal din wasslet għal diversi kunflitti bejn qrati nazzjonali supremi (ordinarji) u qrati nazzjonali kostituzzjonali fil-passat, b'mod partikolari f'sistemi li huma familjari ma' eżami mill-ġdid konkret (jew individwali) tal-kostituzzjonalità fuq il-bażi ta' lment kostituzzjonali individwali [149].

*iii) Il-prinċipju ta'* res judicata

223. Finalment, għandu jiġi nnotat li l-ispeċifiċità ta' dawn l-effetti u l-konsegwenzi prattiċi tad-deċiżjonijiet tal-qrati kostituzzjonali jiffurmaw ukoll parti mill-elementi li għandhom jiġu ddefiniti mis-sistemi ġuridiċi nazzjonali, inkluż il-protezzjoni ta' prinċipji bħal *res judicata* u ċ-ċertezza legali.

224. Fil-qafas speċifiku tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja repetutament indikat l-importanza taż-żewġ prinċipji [150]. Dan ifisser li sa fejn huma kkonċernati r-rekwiżiti li joriġinaw mid-dritt tal-Unjoni, apparti xi xenarji pjuttost eċċezzjonali [151], il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma obbligat it-twarrib f'termini ġenerali tas-saħħa ta' *res judicata* ta' deċiżjonijiet finali. Madankollu, fl-istess ħin, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellha l-ebda problema bir-rimedji straordinarji pprovduti għall-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet finali kontra d-dritt tal-Unjoni fir-Rumanija, bir-rispett lejn il-bilanċ u l-għażla proċedurali partikolari magħmula mil-leġiżlatur nazzjonali [152]. L-istess għandu japplika *a fortiori* għall-effetti u għall-impatt ta' deċiżjoni kostituzzjonali nazzjonali.

[148] Għal sommarju komparattiv, ara pereżempju, Cremer, H.-J., Die Wirkungen verfassungsrechtlicher Entscheidungen: Ein Vergleich zwischen der Rechtslage in der Bundesrepublik Deutschland und der Rechtslage in den Staaten Mittel- und Osteuropas, fi Frowein, J.A. u Marauhn, T. (edituri), *Grundfragen der Verfassungsgerichtsbarkeit in Mittel- und Osteuropa*, Springer, Berlin, 1998, p. 237; jew id-diversi kontribuzzjonijiet f'Luchterhand, O. *et al.* (edituri) *Verfassungsgerichtsbarkeit in Mittel- und Osteuropa*, Nomos, Baden-Baden, 2007.

[149] Għal diskussjoni komparattiva b'eżempji mill-Ġermanja, minn Spanja, mir-Repubblika Ċeka, mis-Slovakkja jew mis-Slovenja, ara l-volum editjat mill-Ústavní soud (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Repubblika Ċeka) intitolat *The Limits of the Constitutional Review of the Ordinary Courts' Decisions in the Proceedings on the Constitutional Complaint*, Linde, Praga, 2005. Fir-rigward tal-"eżaġerazzjoni" kkritikata tal-kontroll kostituzzjonali, ara pereżempju preċedentement Bundesministerium der Justiz, *Entlastung des Bundesverfassungsgerichts: Bericht der Kommission*, Moser, Bonn, 1998, pp. 62 sa 66.

[150] Għal eżempju reċenti, ara s-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines (C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[151] Stabbiliti u diskussi reċentement fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Călin (C-676/17, EU:C:2019:94, punt 80 *et seq.*).

[152] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Călin (C-676/17, EU:C:2019:700, punt 57).

*iv) Caveat*

225. Kif spjegajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR, in-natura tal-evalwazzjoni, f'termini ta' indipendenza ġudizzjarja u ta' imparzjalità, mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qafas ta' "kawżi strutturali" li jwasslu għal eżami mill-ġdid ta' ċerti soluzzjonijiet nazzjonali istituzzjonali jew proċedurali bir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, tista' tiġi analizzata fi tliet livelli: l-analiżi tal-"evalwazzjoni purament astratta", l-analiżi tad-"dokumenti kkombinati" jew id-"dokumenti kif applikati" fil-prattika; u l-analiżi tal-prattika weħidha li hija totalment differenti minn dak li huwa ddikjarat fuq id-dokument [153].

226. F'dawn il-kawżi, l-evalwazzjoni tat-"teorija" jew dik "purament astratta" ma jidhirx li titfa' xi dubji dwar l-imparzjalità jew l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

227. Ċertament, wieħed ma jistax jinjora l-indizji ta' riskji potenzjali u anki insinwazzjonijiet okkażjonali li jidhru fil-proċess ta' din il-kawża, partikolarment fir-riferiment għad-Deċiżjoni speċifika Nru 685/2018, l-atturi involuti, u l-allegati motivi tagħhom [154].

228. Madankollu, din tkun kawża differenti ħafna minn dik imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [155]. Huwa sfortunatament konċepibbli fl-Unjoni Ewropea llum li jista' jkun hemm istanzi ta' manipulazzjoni jew abbuż sfaċċat ta' proċedura kostituzzjonali speċifika, li, minkejja li tkun irregolata minn regoli apparentement newtrali, tista' tintuża għall-benefiċċju jew għall-interess ta' persuna jew grupp partikolari. Xenarju iktar estrem jista' jkun fejn ma jkunx biss nuqqas istituzzjonali individwali wieħed jew anki iktar, iżda istituzzjoni ġudizzjarja sħiħa li żvijat mit-triq it-tajba. F'każ bħal dan, il-garanziji strutturali bażiċi tal-indipendenza u tal-imparzjalità ta' istituzzjoni ma jibqgħux iktar żgurati minħabba li, permezz tas-sistema ta' ħatriet pereżempju, l-istituzzjoni sħiħa ssir politikament użurpata, jew minħabba li jimmaterjalizza b'mod ċar theddid għall-istruttura ġenerali li jikkonċerna r-rispett lejn il-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri [156].

229. Madankollu, naqbel b'mod sħiħ mal-Kummissjoni dwar dan il-punt, f'dawn il-kawżi, ma ngħataw l-ebda elementi li x'aktarx iqiegħdu f'dubju l-indipendenza jew l-imparzjalità tal-Qorti Kostituzzjonali. It-tħassib tal-qorti tar-rinviju pjuttost huwa relatat ma' kunsiderazzjonijiet marbuta mal-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali aċċettata mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u l-konsegwenzi tagħha għall-prattika tal-qorti tar-rinviju, li dik il-qorti sempliċement ma taqbilx magħhom.

*v) Konklużjoni provviżorja*

230. Bħala riżultat, l-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19, sa fejn tikkonċerna l-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll id-domanda fil-Kawża C-547/19, għandhom jiġu mwieġba fis-sens li l-prinċipju tal-Unjoni tal-indipendenza ġudizzjarja, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ma jippreklud ix l-adozzjoni ta' deċiżjoni minn qorti nazzjonali, li, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi kostituzzjonali

153 Punti 240 sa 243 ta' dawn il-konklużjonijiet.

154 Ara wkoll iktar 'il fuq, il-punt 204 ta' dawn il-konklużjonijiet.

155 Għal argumenti differenti mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja – għad-dettall ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża AFJR, punti 235 sa 248.

156 Ara, għal eżempju ta' sitwazzjoni bħal din, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 142 sa 152).

tagħha, tiddeċiedi dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti suprema nazzjonali, anki jekk ikollha l-konsegwenza li tippermetti li jiġu ppreżentati rimedji ġudizzjarji straordinarji kontra deċiżjonijiet finali.

## *5. Il-prinċipju tas-supremazija*

231. Permezz tat-tielet domanda tagħha fil-Kawża C-357/19, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni jippermettix lil qorti nazzjonali li ma tapplikax deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali, adottata f'kawża dwar kunflitt kostituzzjonali, li hija vinkolanti taħt id-dritt nazzjonali.

232. Diġà pprovdejt risposta għal din id-domanda mill-perspettiva tal-obbligi speċifiċi riżultanti mill-Artikolu 325 TFUE u mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Fid-dawl tar-risposta li nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi b'risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda fil-Kawża C-357/19, ma hijiex neċessarja risposta għat-tielet domanda.

233. Madankollu, nikkunsidraha utli li nżid diversi rimarki konkludenti dwar il-prinċipju tas-supremazija u l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jsegwu d-deċiżjonijiet ta' qorti kostituzzjonali. Dan ma huwiex biss fid-dawl tal-possibbiltà li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' ma taqbilx mar-risposti ssuġġeriti minni għall-ewwel u għat-tieni domanda fil-Kawża C-357/19. Huwa anki minħabba li hemm kwistjoni importanti oħra mistoħbija wara din id-domanda ġenerali: kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, it-tielet domanda jidher li hija motivata mill-fatt li, skont l-Artikolu 99(ș) tal-Liġi Nru 303/2004, it-twarrib minn imħallef ta' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jammonta għal ksur dixxiplinari taħt id-dritt nazzjonali [157].

234. Sa ċertu punt, il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà tipprovdi risposti għal din il-kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju.

235. Minn naħa, hemm il-ġurisprudenza stabbilita dwar is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-implikazzjonijiet tagħha għall-istituzzjonijiet u għall-proċeduri ġudizzjarji nazzjonali. L-ewwel nett, il-qrati nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom l-obbligu li jiżguraw l-effett sħiħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jekk neċessarju billi ma japplikawx taħt l-awtorità tagħhom stess kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali kuntrarja, mingħajr ma jitolbu jew jistennew it-tħassir minn qabel ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra [158]. It-tieni nett, hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni dispożizzjoni jew prattika li jista' jkollha bħala effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni billi l-qorti li tkun kompetenti biex tapplika dan id-dritt tiġi mċaħħda mis-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li jkun neċessarju sabiex jiġu esklużi d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi

157 Ara iktar 'il fuq, il-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-kuntest ta' din il-kawża, l-użu ta' din id-dispożizzjoni jibqa' fil-qasam tal-possibbiltà, sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta ċerta interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-qorti tar-rinviju mbagħad tapplikaha fuq livell nazzjonali, u għalhekk potenzjalment tmur kontra deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali. Madankollu, din l-istess dispożizzjoni diġà ġiet applikata f'kawża oħra, parallela quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja: ara l-konklużjonijiet tiegħi, mogħtija llum, fil-Kawża C-379/19, DNA- Serviciul Territorial Oradea, li fiha jidher li nfetħet investigazzjoni dixxiplinari kontra l-ġudikant fil-qorti tar-rinviju minħabba li billi għamel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa esprima n-nuqqas ta' qbil tiegħu ma' deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali.

158 Ara, għal eżempju reċenti, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality and Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 35, u l-ġurisprudenza ċċitata).

nazzjonali li eventwalment ikunu ta' ostakolu għall-effettività sħiħa tar-regoli direttament applikabbli tal-Unjoni [159]. It-tielet nett, dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' kull u kwalunkwe livell ta' drittijiet nazzjonali, inkluż dawk ta' natura kostituzzjonali [160].

236. Għaldaqstant, bħala kwistjoni ta' prinċipju, u naturalment bil-preżunzjoni li kien hemm fil-fatt forma ta' inkompatibbiltà materjali bejn id-deċiżjoni kostituzzjonali inkwistjoni f'din il-kawża u d-dritt tal-Unjoni, fil-fehma tiegħi *quid non*, il-prinċipju tas-supremazija għandu jiġi interpretat li jippermetti lil qorti nazzjonali twarrab deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali fil-każ li l-qorti tar-rinviju kellha tiskopri li din hija l-unika triq possibbli sabiex tikkonforma mal-obbligi riżultanti mid-dispożizzjonijiet b'effett dirett tad-dritt tal-Unjoni.

237. Min-naħa l-oħra, sa fejn huma kkonċernati l-proċedura preliminari u l-impatt potenzjali tagħha fuq il-ġerarkija ġudizzjarja nazzjonali u l-obbligu li tiġi segwita l-fehma ġuridika ta' qorti superjuri, sa mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Rheinmühlen I [161], il-ġurisprudenza sussegwenti kienet ċara ħafna. Tliet punti importanti li jirriżultaw minn din il-linja ta' ġurisprudenza, li hija applikabbli wkoll għad-deċiżjonijiet tal-qrati kostituzzjonali [162], għandhom jissemmew u jiġu enfasizzati.

238. L-ewwel nett, fejn qorti nazzjonali tikkunsidra li deċiżjoni ta' qorti ogħla tista' twassalha sabiex tagħti deċiżjoni kontra d-dritt tal-Unjoni, ir-regoli nazzjonali li skonthom il-qrati inferjuri huma marbuta b'deċiżjonijiet ta' qorti ogħla ma jistgħux ineħħu d-diskrezzjoni li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. It-tieni nett, qorti nazzjonali li eżerċitat id-diskrezzjoni mogħtija lilha bl-Artikolu 267 TFUE hija marbuta bl-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja u għandha, jekk hemm bżonn, twarrab id-deċiżjonijiet tal-qorti ogħla [163]. It-tielet nett, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom japplikaw ukoll, fil-fehma tiegħi, fil-każ li qorti inferjuri tikkonstata d-deċiżjoni ta' qorti ogħla bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma tippreżenta talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, il-ġurisprudenza insistiet li l-*possibbiltà* tal-qrati ta' istanza inferjuri li jitolbu deċiżjoni preliminari, jekk ikun il-każ, billi ma japplikawx istruzzjonijiet ta' qorti superjuri li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni ma tistax tinbidel f'*obbligu* li ssir din it-talba [164].

239. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni fil-fatt jawtorizza lil imħallef nazzjonali sabiex ma jsegwix opinjoni ġuridika ta' qorti superjuri (li normalment tkun vinkolanti), jekk hu jew hi jemmnu li din l-interpretazzjoni ġuridika hija kontra d-dritt tal-Unjoni. Huwa pjuttost loġiku li, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, l-istess imbagħad għandu japplika wkoll għal kwalunkwe sanzjoni nazzjonali (sussegwenti) possibbli għal dan l-aġir: jekk dan l-aġir huwa, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, korrett, mela l-ebda sanzjoni ma hija permessa għalih.

240. Hemm madankollu "imma" pjuttost kruċjali. Fil-fehma tiegħi, id-dritt tal-Unjoni jipprovdi lil imħallef nazzjonali "liċenzja biex ma jaqbilx" limitata, iżda l-ebda "liċenzja biex iwarrab". Fid-dawl tal-istruttura tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li fi ħdanu hija l-Qorti tal-Ġustizzja li hija l-interpretu finali tad-dritt tal-Unjoni, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkwotata iktar 'il

159 Reċentement, pereżempju, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality and Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 36, u l-ġurisprudenza ċċitata).

160 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

161 Sentenza tas-16 ta' Jannar 1974, Rheinmühlen-Düsseldorf (166/73, EU:C:1974:3).

162 Sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 70).

163 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punti 27, 28 u 30), u tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punti 68 u 69).

164 Sentenzi tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci (C-555/07, EU:C:2010:21, punti 53 sa 55); tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 28); u d-digriet tat-3 ta' Settembru 2020, Vikingo Fővállalkozó (C-610/19, EU:C:2020:673, punt 75).

fuq għandha għan wieħed: li żżomm l-aċċess miftuħ mill-qrati inferjuri fl-Istati Membri għall-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod partikolari, ġurisdizzjonijiet superjuri fl-Istati Membri ma għandhomx jitħallew jostakolaw, bl-użu goff tal-awtorità formali tagħhom fi ħdan is-sistema domestika tagħhom, lill-qrati fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom milli jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

241. Dan l-għan madankollu jistabbilixxi wkoll limiti dwar il-portata tal-liċenzja mogħtija mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, jekk wieħed jieħu l-proposti ġeneralment astratti u għalhekk pjuttost ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja sal-limitu tagħhom, wieħed ma jistax ħlief jingħaqad mal-ilħna li jsejħu għal kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-linja ta' ġurisprudenza Rheinmühlen, ċertament lura fl-2010[165]. Ikkunsidrata f'termini astratti u istituzzjonali, din il-ġurisprudenza tista' titqies li tinvoka numru ta' preżunzjonijiet siekta u mhux iġġustifikati, inkluż li l-qrati superjuri nazzjonali għandhom xewqa li jipprekludu lill-qrati inferjuri fi ħdan il-ġurisdizzjonijiet tagħhom milli jressqu talbiet għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fortunatament, din ma kinitx preżunzjoni ġġustifikata[166], almenu sa pjuttost reċenti.

242. F'dan id-dawl, nissuġġerixxi li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkwotata iktar 'il fuq għandha għaldaqstant tinqara li tippermetti spazju għal diskussjoni razzjonali dwar l-interpretazzjoni xierqa tad-dritt tal-Unjoni għall-atturi ġudizzjarji nazzjonali kollha, irrispettivament mill-ġerarkija. Madankollu, ċertament ma għandhiex tiġi interpretata bħala karta mingħajr limiti u universali, li meta tintlagħab tipproteġi lill-imħallef, irrispettivament miċ-ċirkustanzi, minn kwalunkwe regoli normali dwar il-proċeduri ġudizzjarji, ġerarkija u dixxiplina fil-livell nazzjonali.

243. Lil hinn minn din il-kwalifika ġenerali, ma naħsibx li wieħed jista' joffri iktar gwida għax-xenarji varjabbli mingħajr limiti li jistgħu jseħħu fil-ħajja. Il-konklużjoni f'dawn il-kawżi kollha hija madankollu li kwalunkwe elementi u kunsiderazzjonijiet relatati mad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni fil-kawża individwali jiġu *rraġunati* b'mod xieraq. Dan id-dover, fil-fatt pjuttost trażversali[167], diġà huwa kapaċi jindika liema argumenti riżultanti mid-dritt tal-Unjoni jibqgħu fil-qasam tad-diskors ġuridiku razzjonali. Fi kwalunkwe każ, bħal regola ġenerali, nuqqas ta' qbil debitament irraġunat minn qorti (inferjuri), b'mod partikolari meta kwistjoni tkun qiegħda tiġi indirizzata għall-ewwel darba, li potenzjalment iwassal għal talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, *għandu dejjem ikun possibbli.*

244. Dan kollu jipprekludi, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat reċentement, dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jesponu lill-imħallfin nazzjonali għal proċeduri dixxiplinari sempliċement *minħabba* li ressqu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja[168], wieħed jista' jżid *irrispettivament* mill-konklużjoni ta' din it-talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dan ifisser li s-sempliċi perspettiva li tkun tista', jekk ikun il-każ, tkun is-suġġett ta' proċeduri dixxiplinari minħabba li jkun sar tali rinviju (jew li jkun ġie deċiż li dan jinżamm wara l-introduzzjoni tiegħu) hija ta' natura li tippreġudika l-eżerċizzju effettiv mill-qrati nazzjonali kkonċernati fil-qafas

165 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:336, punti 23 sa 39).

166 Fil-fatt, f'dan il-kuntest f'ċerti Stati Membri, il-linja tal-ġurisprudenza Rheinmühlen tista' tingħata ħajja ġdida u raġuni strutturali oħra: il-protezzjoni ta' dissidenti ġudizzjarji.

167 Li tirriżulta diġà mill-Artikolu 47 tal-Karta, moqri fid-dawl tal-Artikolu 6(1) KEDB. Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punt 53 *et seq.*).

168 Ara s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 58).

tal-Artikolu 267 TFUE[169]. Iktar minn hekk, il-fatt li wieħed ma jkunx is-suġġett ta' proċeduri jew sanzjonijiet dixxiplinari oħra talli eżerċita tali diskrezzjoni li jressaq kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jikkostitwixxi wkoll garanzija inerenti għall-indipendenza tiegħu[170].

245. Bħala sommarju, f'Unjoni bbażata fuq l-Istat tad-dritt, imħallef ma jistax jiġi kkastigat talli leġittimament jeżerċita d-dritt mogħti lil kwalunkwe "qorti jew tribunal" li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE.

## V. Konklużjoni

246. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) kif ġej:

– It-tieni domanda fil-Kawża C-357/19 għandha tiġi mwieġba fis-sens li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jipprekludix li, f'sitwazzjoni li taqa' b'mod ġenerali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni iżda li ma hijiex iddeterminata b'mod sħiħ minnu, qorti kostituzzjonali nazzjonali tiddikjara, b'applikazzjoni ta' standard nazzjonali ġenwin u raġonevoli ta' protezzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali u abbażi tal-interpretazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, li l-kulleġġi ġudikanti fi ħdan il-qorti suprema nazzjonali ma għandhomx indipendenza u li ma ġewx stabbiliti skont il-liġi.

– L-ewwel domanda fil-Kawża C-357/19, kif ukoll id-domanda fil-Kawża C-547/19, għandhom jiġu mwieġba fis-sens li:

  – L-Artikolu 325(1) TFUE, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(a) u (b) u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom jiġu interpretati li ma jipprekludux deċiżjoni ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali li tiddikjara bħala illegali l-kompożizzjoni ta' kulleġġi ta' qorti suprema nazzjonali fuq il-bażi li ġie miksur id-dritt għal qorti imparzjali, bil-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jippermettu li jiġu ppreżentati rimedji ġudizzjarji straordinarji kontra deċiżjonijiet finali.

169 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 57 sa 58).

170 Ara s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 59). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 25), u d-digriet tat-12 ta' Frar 2019, RH (C-8/19 PPU, EU:C:2019:110, punt 47).

– Il-prinċipju tal-Unjoni tal-indipendenza ġudizzjarja, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, ma jipprekludix l-adozzjoni ta' deċiżjoni minn qorti kostituzzjonali nazzjonali, li, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi kostituzzjonali tagħha, tiddeċiedi dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-qorti suprema nazzjonali, anki jekk ikollha l-konsegwenza li tippermetti li jiġu ppreżentati rimedji ġudizzjarji straordinarji kontra deċiżjonijiet finali.

– Fid-dawl tar-risposti pprovduti għall-ewwel u għat-tieni domanda fil-Kawża C-357/19, ma hemmx ħtieġa li tiġi pprovduta risposta għat-tielet domanda f'din il-kawża.

[i] — Fil-Werrej ta' dan it-test saret modifika ta' natura stilistika, wara li kien tqiegħed online għal ewwel darba.